ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 39

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

9 ta' Frar 2013

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi** (1) ........ 1

★ **Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017** (2) ........ 12

★ **Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà** (1) ........ 30

**Prezz: EUR 3**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE
(2) Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 98/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-15 ta' Jannar 2013**

**dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ċerti sustanzi u taħlitiet, magħrufin bħala prekursuri tal-isplussivi, jistgħu jintużaw b'mod skorrett għall-manifattura illeċita ta' splussivi. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-Titjib tas-Sigurtà tal-Isplussivi, adottat mill-Kunsill fit-18 ta' April 2008, appella lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi kumitat permanenti dwar il-prekursuri sabiex jikkunsidra l-miżuri u jħejji rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw ir-regolamentazzjoni tal- prekursuri tal-isplussivi disponibbli fis-suq, b'kunsiderazzjoni tal-effetti tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom.

(2) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Prekursuri, stabbilit mill-Kummissjoni fl-2008, identifika diversi prekursuri tal-isplussivi li jistgħu jintużaw sabiex jitwettqu attakki terroristiċi u rrakkomanda li tittieħed azzjoni adatta fil-livell tal-Unjoni.

(3) Xi Stati Membri diġà adottaw liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq, it-tqegħid għad-dispożizzjoni u l-pussess ta' ċerti prekursuri tal-isplussivi.

(4) Dawk il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi, li huma diverġenti u li probabbilment jikkawżaw ostakli għall-kummerċ fl-Unjoni, għandhom jiġu armonizzati sabiex itejbu l-moviment ħieles ta' sustanzi u taħlitiet kimiċi fis-suq intern u, kemm jista' jkun, sabiex jitneħħew l-ostakoli fil-kompetizzjoni, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas- sigurtà tal-pubbliku ġenerali. Ġew stabbiliti wkoll regoli oħrajn relatati ma' ċerti sustanzi koperti minn dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tas-sigurtà tal-ħaddiema u l-protezzjoni tal-ambjent; dawk ir-regoli oħrajn mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament.

(5) Sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' uniformità għall-operaturi ekonomiċi, regolament huwa l-aktar strument legali adatt sabiex jiġu rregolati t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prekursuri tal-isplussivi.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet ([3]) jipprevedi li s-sustanzi u t-taħlitiet klassifikati bħala perikolużi għandhom jiġu tikkettati b'mod korrett qabel jitqiegħdu fis-suq. Barra minn hekk, dan jipprevedi li l-operaturi ekonomiċi inklużi l-bejjiegħa bl-imnut għandhom jew jikklassifikaw u jittikkettaw dawn is-sustanzi jew jiddipendu fuq il-klassifika magħmula minn attur li jinsab 'il fuq fil-katina tal-provvista. Għalhekk, huwa opportun li f'dan ir-Regolament jiġi previst li l-operaturi ekonomiċi kollha, inklużi l-bejjiegħa bl-imnut, li jqiegħdu sustanzi li huma ristretti taħt dan ir-Regolament għad-dispożizzjoni ta' membri tal-pubbliku ġenerali, jiżguraw li l-imballaġġ jindika li l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' dik is-sustanza jew taħlita minn membri tal-pubbliku ġenerali huwa soġġett għal restrizzjoni.

(7) Sabiex jiksbu, fil-livell nazzjonali, protezzjoni kontra l-użu illeċitu ta' preskursuri tal-isplussivi li hija simili jew akbar għal dik prevista minn dan ir-Regolament fil-livell tal-Unjoni, xi Stati Membri diġà għandhom fis-seħħ miżuri leġislattivi għal xi sustanzi suxxettibbli għal użu illeċitu. Xi whud minn dawk is-sustanzi huma diġà elenkati f' dan ir-Regolament filwaqt li xi oħrajn jistgħu jiġu

([1]) ĠU C 84, 17.3.2011, p. 25.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2012 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2012.

([3]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

ristretti fil-livell tal-Unjoni fil-futur. Minħabba li t-tnaqqis tal-protezzjoni permezz ta' miżuri fil-livell tal-Unjoni jmur kontra l-miri ta' dan ir-Regolament, huwa opportun li jiġi pprovdut mekkaniżmu li permezz tiegħu dawn il-miżuri nazzjonali jistgħu jibqgħu fis-seħħ (klawżola ta' salvagwardja).

(8) Il-manifattura illeċita ta' splussivi għandha ssir aktar diffiċli bl-istabbiliment ta' valuri limitu ta' konċentrazzjoni għal sustanzi li jistgħu jitqiesu bħala prekursuri ta' splussivi. Taħt dawk il-valuri limitu, iċ-ċirkolazzjoni libera ta' dawk il-prekursuri tal-isplussivi hija żgurata soġġetta għal mekkaniżmu ta' salvagwardja; meta jinqabżu dawk il-valuri limitu, l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għal dawk il-prekursuri tal-isplussivi għandu jkun ristrett.

(9) Il-membri tal-pubbliku ġenerali għalhekk m'għandhomx ikunu jistgħu jakkwistaw, jintroduċu, jippossjedu jew jużaw dawk il-prekursuri tal-isplussivi f'konċentrazzjonijiet li jeċċedu l-valuri limitu. Madankollu, huwa opportun li jsir provvediment sabiex il-membri tal-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jakkwistaw, jintroduċu, jippossjedu jew jużaw tali prekursuri ta' splussivi għal finijiet leċiti biss.

(10) Barra minn hekk, minħabba l-fatt li xi Stati Membri diġà għandhom sistemi ta' reġistrazzjoni stabbiliti sew, li jintużaw biex jiġi kkontrollat it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq ta' xi wħud mis-sustanzi jew tas-sustanzi kollha ristretti b'dan ir-Regolament li m'għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-membri tal-pubbliku ġenerali, huwa opportun li tiġi prevista f'dan ir-Regolament sistema ta' reġistrazzjoni applikabbli għal xi wħud minn dawk s-sustanzi jew għal dawk is-sustanzi kollha.

(11) Il-perossidu tal-idroġenu, in-nitrometan u l-aċidu nitriku jintużaw b'mod estensiv għal finijiet leċiti mill-membri tal-pubbliku ġenerali. Għandu għalhekk ikun possibbli għall-Istati Membri li jagħtu aċċess għal dawk is-sustanzi fi ħdan medda speċifika ta' konċentrazzjonijiet billi japplikaw sistema ta' reġistrazzjoni taħt dan ir-Regolament minflok sistema ta' liċenzjar.

(12) Minħabba s-suġġett speċifiku ħafna tiegħu, l-għan ta' dan ir-Regolament jista' jinkiseb filwaqt li, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, tkun permessa għall-Istati Membri l-flessibbiltà li jagħżlu jekk jagħtux aċċess limitat skont dan ir-Regolament.

(13) Sabiex jinkisbu aktar l-objettivi leġittimi ta' sigurtà pubblika waqt li jibqa' jiġi żgurat l-inqas tfixkil għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, huwa opportun li tiġi prevista sistema ta' liċenzjar li taħtha persuna li tkun akkwistat sustanza ristretta minn dan ir-Regolament li m'għandiex titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri tal-pubbliku ġenerali, jew taħlita jew sustanza li fiha dik is-sustanza, f'konċentrazzjoni li taqbeż il-valur limitu tkun tista' tintroduċiha minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz fi Stat Membru li jippermetti aċċess għal dik is-sustanza skont kwalunkwe waħda mis-sistemi previsti f'dan ir-Regolament.

(14) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni effikaċi tad-dispożizzjonijiet rigward l-introduzzjoni ta' prekursuri tal-isplussivi, l-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li jiġbdu l-attenzjoni tal-vjaġġaturi internazzjonali għar-restrizzjonijiet applikabbli għall-introduzzjoni ta' sustanzi ristretti minn dan ir-Regolament li m'għandomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-membri tal-pubbliku ġenerali. Għall-istess raġuni, l-Istati Membri huma mħeġġa wkoll li jiżguraw li l-pubbliku ġenerali jsir konxju li dawk restrizzjonijiet japplikaw ukoll għal konsenji żgħar lil persuni privati u għal konsenji li jkunu ordnati mill-bogħod minn konsumaturi finali.

(15) L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri lill-industrija, partikolarment lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), tista' tkun mezz siewi biex tiġi ffaċilitata l-konformità ma' dan ir-Regolament, b'kont meħud tal-importanza li kemm jista' jkun jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għall-SMEs.

(16) Ladarba jkun sproporzjonat li jiġi pprojbit l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi f'attivitajiet professjonali, ir-restrizzjonijiet relatati mat-tqegħid għad-dispożizzjoni, l-introduzzjoni, il-pussess u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi għandhom japplikaw biss għall-pubbliku ġenerali. Madankollu, bil-ħsieb tal-miri ġenerali ta' dan ir-Regolament, huwa opportun li jiġi previst mekkaniżmu ta' rappurtaġġ li jkopri kemm l-utenti professjonali fil-katina tal-provvista kollha kif ukoll il-membri tal-pubbliku ġenerali involuti fi transazzjonijiet li, minħabba n-natura jew l-iskala tagħhom, għandhom jitqiesu suspettużi. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punti ta' kuntatt nazzjonali għar-rappurtaġġ ta' transazzjonijiet suspettużi.

(17) Diversi transazzjonijiet fir-rigward ta' prekursuri tal-isplussivi jistgħu jitqiesu bħala suspettużi u għalhekk suxxettibli għar-rappurtaġġ.Dan ikun il-każ, pereżempju, fejn il-klijent prospettiv (professjonali jew mhux professjonali) jidher mhux ċar dwar l-użu maħsub, jidher mhux familjari mal-użu maħsub jew ma jistax jispjegah b'mod plawżibbli, biħsiebu jixtri kwantitajiet insoliti, konċentrazzjonijiet insoliti jew kombinazzjonijiet insoliti ta' sustanzi, ma jridx jipprovdi prova ta' identità jew post ta' residenza, jew jinsisti li juża metodi insoliti ta' pagament inklużi ammonti kbar ta' flus kontanti. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jirriżervaw id-dritt li jirrifjutaw tali transazzjoni.

(18) Fid-dawl tal-miri ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti huma mħeġġa li jinfurmaw lill-punt ta' kuntatt nazzjonali rilevanti bi kwalunkwe rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja fejn ir-rifjut ikun ibbażat fuq

motivazzjonijet raġonevoli biex tiġi ddubitata l-liċeità tal-użu intiż jew l-intenzjonijiet tal-utent. Bl-istess mod, l-awtoritajiet kompetenti huma mħeġġa li jinfurmaw lill-punt ta' kuntatt nazzjonali bis-sospensjoni jew revoka ta' liċenzja.

(19) Sabiex l-użu illeċitu possibbli ta' prekursuri tal-isplussivi jkun impedut u jiġi skopert, huwa kunsiljabbli li l-punti ta' kuntatt nazzjonali jżommu rekords ta' transazzjonijiet suspettużi rrapportati, u li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinvestigaw iċ-ċirkostanzi konkreti, inkluża l-ġenwinità tal-attività ekonomika rilevanti eżerċitata minn utent professjonali involut fi transazzjoni suspettuża.

(20) Fejn ikun fattibbli, għandhom jiġu stabbiliti valuri limitu ta' konċentrazzjoni, li meta jinqabżu l-aċċess għal ċerti prekursuri tal-isplussivi jiġi ristrett, filwaqt li jkun għar-rappurtaġġ ta' transazzjonijiet suspettużi biss li jsir provvediment fir-rigward ta' ċerti prekursuri oħrajn. Il-kriterji biex ikun determinat liema miżuri għandhom japplikaw għal liema sustanzi jinkludu l-livell ta' theddida assoċjat mal-preskursur tal-isplussivi kkonċernat, il-volum ta' kummerċ fil-prekursur tal-isplussivi kkonċernat, u l-possibbiltà li jiġi stabbilit livell ta' konċentrazzjoni li taħtu l-prekursur jista' xorta waħda jintuża għall-finijiet leċiti li għalihom huwa jitqiegħed għad-dispożizzjoni. Dawk il-kriterji għandhom ikomplu jiggwidaw aktar l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fir-rigward tal-prekursuri attwalment mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(21) Il-valuri limitu tal-konċentrazzjoni fuq il-hexamine f'pilloli tal-karburant teknikament mhumiex fattibbli. Barra minn hekk, hemm ħafna użi leċiti tal-aċidu sulfuriku, l-aċeton, in-nitrat tal-potassju, in-nitrat tas-sodju, in-nitrat tal-kalċju u n-nitrat tal-ammonju tal-kalċju. Regolament fil-livell tal-Unjoni li jirrestrinġi l-bejgħ lill-pubbliku ġenerali ta' dawk is-sustanzi jirriżulta fi spejjeż amministrattivi u spejjeż ta' konformità li jkunu sproporzjonatament għoljin għall-konsumaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji. Madankollu, fid-dawl tal-miri ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati miżuri sabiex jiffaċilitaw ir-rappurtaġġ ta' transazzjonijiet suspettużifir-rigward ta' pilloli tal-karburant tal-hexamine u fir-rigward ta' dawk il-prekursuri l-oħra li għalihom m'hemmx alternattivi adegwati u siguri.

(22) Is-serq tal-prekursuri tal-isplussivi huwa mezz biex jinkisbu l-materjali bażilari għall-manifattura illeċita tal-isplussivi. Għalhekk, huwa opportun li jiġi previst rappurtaġġ ta' serq sinifikanti u għajbien ta' sustanzi soġġetti għal miżuri taħt dan ir-Regolament. Sabiex jiġi ffaċilitat it-traċċar tal-awturi u sabiex l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn ikunu mwissija dwar theddidiet possibbli, il-punti nazzjonali ta' kuntatt huma mħeġġa, fejn opportun, li jużaw is-sistema tal-Europol ta' twissija bikrija.

(23) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(24) Permezz tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) ([1]) il-provvista lill-membri tal-pubbliku ġenerali tan-nitrat tal-ammonju li jista' faċilment jintuża b'mod skorrett bħala prekursur ta' splussiv hijaa pprojbita. Madankollu, il-provvista tan-nitrat tal-ammonju lil ċerti utenti professjonali, partikolarment il-bdiewa, hija permessa. Dik il-provvista għandha, għaldaqstant, tkun soġġetta għall-mekkaniżmu ta' rappurtaġġ għat-transazzjonijiet suspettużi stabbilit minn dan ir-Regolament, minħabba li m'hemmx rekwiżit ekwivalenti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(25) Dan ir-Regolament jirrikjedi l-ipproċessar ta' data personali u l-iżvelar ulterjuri tagħha lil persuni terzi f'każ ta' transazzjonijiet suspettużi. Dak l-ipproċessar u dak l-iżvelar jimplikaw interferenza serja fid-drittijiet fundamenti għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2]) tirregola l-ipproċessar ta' data personali li jsir fil-qafas ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandu jiġi żgurat li d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali ta' individwi li d-data personali tagħhom hija pproċessata fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun debitament protetta. B'mod partikolari, l-ipproċessar ta' data personali li jirriżulta mill-liċenzjar, mir-reġistrazzjoni ta' transazzjoniijiet u mir-rappurtaġġ ta' transazzjonijiet suspettużi għandu jsir b'konformità mad-Direttiva 95/46/KE, inklużi l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-data tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-proporzjonalità u n-neċessità u r-rekwiżit li jintwera rispett dovut għad-drittijiet tas-suġġett tad-data għal aċċess, rettifika u tħassir.

(26) L-għażla ta' sustanzi użati minn terroristi u kriminali oħra sabiex jagħmlu illeċitament l-isplussivi jistgħu jinbidlu malajr. Għandu għalhekk ikun possibbli li jiddaħħlu sustanzi addizzjonali taħt ir-reġim previst minn dan ir-Regolament, fejn ikun meħtieġ b'urġenza.

(27) Sabiex jiġu indirizzati l-iżviluppi fl-użu skorrett ta' sustanzi bħala prekursuri tal-isplussivi, u sakemm issir konsultazzjoni adegwata mal-partijiet interessati rilevanti sabiex jittieħed kont tal-impatt potenzjalment sinifikanti fuq l-operaturi ekonomiċi, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex temenda l-valuri limitu ta' konċentrazzjoni sabiex fejn dawn jinqabżu m'għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali ċerti

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

sustanzi ristretti taħt dan ir-Regolament, u sabiex tistabbilixxi lista ta' sustanzi addizzjonali li fir-rigward tagħhom għandhom jiġu rappurtati transazzjonijiet suspettużi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet adegwati matul il-ħidma preparatorja tagħha, inklużi dawk fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(28) Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt reviżjoni kostanti l-lista ta' sustanzi li m'għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali jekk jeċċedu ċerti valuri limitu ta' konċentrazzjoni, u l-lista ta' sustanzi li fir-rigward tagħhom għandhom jiġu rappurtati transazzjonijiet suspettużi. Il-Kummissjoni għandha, fejn ikun ġustifikat, tħejji proposti leġislattivi, f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja, sabiex iżżid jew tħassar entrati mil-lista tal-ewwel, jew tħassar entrati mil-lista tal-aħħar, sabiex tindirizza l-iżviluppi fl-użu skorrett ta' sustanzi bħala prekursuri tal-isplussivi.

(29) Sabiex jiġu indirizzati s-sustanzi li ma jkunux diġà ristretti minn dan ir-Regolament iżda li fir-rigward tagħhom Stat Membru jiskopri raġunijiet aċċettabbli biex wieħed jemmen li dawn jistgħu jintużaw għall-manifattura illeċita tal-isplussivi, għandha tiġi introdotta klawżola ta' salvagwardja li tipprevedi proċedura adegwata tal-Unjoni.

(30) Addizzjonalment, fid-dawl tar-riskji speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati minn dan ir-Regolament, huwa opportun li jkun permess li l-Istati Membri, f'ċerti ċirkostanzi, jadottaw miżuri ta' salvagwardja, ukoll fir-rigward ta' sustanzi li jkunu diġà soġġetti għal miżuri taħt dan ir-Regolament.

(31) Fid-dawl tar-rekwiżiti taħt dan ir-Regolament fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, ma jkunx korrett li dawn il-miżuri ġodda ta' salvagwardja jsiru soġġetti għar-reġim stabbilit fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni [1] irrispettivament minn jekk dawn jirriferux għal sustanzi li jkunu diġà soġġetti għal miżuri taħt dan ir-Regolament jew għal sustanzi mhux hekk ristretti.

(32) Fid-dawl tal-miri ta' dan ir-Regolament u l-impatt li jista' jkollu fuq is-sigurtà taċ-ċittadini u fuq is-suq intern, il-Kummissjoni għandha, abbażi tad-diskussjonijiet kontinwi fil-Kumitat Permanenti dwar il-Preskursuri, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina kwalunkwe problema li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kemm ikun kunsiljabbli u fattibbli li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, kemm fir-rigward tal-kopertura ta' utenti professjonali kif ukoll fir-rigward tal-inklużjoni fid-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtaġġ tat-transazzjonijiet suspettużi, għajbien u serq ta' sustanzi li, għalkemm mhux soġġetti għal miżuri taħt dan ir-Regolament, huma identifikati bħala li ntużaw għall-manifattura illeċita ta' splussivi (prekursuri tal-isplussivi mhux skedati). Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha, waqt li tieħu kont tal-esperjenzi rilevanti miksubin mill-Istati Membri u waqt li tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji, tippreżenta rapport li jeżamina kemm ikunu kunsiljabbli u fattibbli aktar tisħiħ u armonizzazzjoni tas-sistema fid-dawl tat-theddida għas-sigurtà pubblika. Bħala parti mir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina l-possibbiltajiet ta' trasferiment tad-dispożizzjonijiet dwar in-nitrat tal-ammonju mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għal dan ir-Regolament.

(33) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-impożizzjoni ta' limitu fuq l-aċċess lill-pubbliku ġenerali għal prekursuri tal-isplussivi, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala tal-limitazzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(34) B'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data [2], il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ppreżenta opinjoni [3].

(35) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għall-proprjetà u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-Istati Membri b'konformità ma' dawk id-drittijiet u prinċipji,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati li jikkonċernaw it-tqegħid għad-dispożizzjoni, l-introduzzjoni, il-pussess u l-użu ta' sustanzi jew taħlitiet li jistgħu jiġu użati skorrettament għall-manifattura illeċita tal-isplussivi, sabiex jillimitaw id-disponibbiltà tagħhom għall-pubbliku ġenerali, u li jiżguraw rappurtaġġ adegwat ta' transazzjonijiet suspettużi fil-katina tal-provvista kollha.

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn aktar stretti tal-liġi tal-Unjoni li jikkonċernaw is-sustanzi elenkati fl-Annessi.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għas-sustanzi elenkati fl-Annessi u għal taħlitiet u sustanzi li fihom dawn is-sustanzi.

[1] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

[3] ĠU C 101, 1.4.2011, p. 1.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) oġġetti kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(b) oġġetti pirotekniċi kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi ([1]), oġġetti pirotekniċi maħsuba għall-użu mhux kummerċjali, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew mid-dipartiment tat-tifi tan-nar, tagħmir pirotekniku li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu ([2]), oġġetti pirotekniċi maħsuba għall-użu fl-industrija ajruspazjali, jew kapsijiet tal-perkussjoni maħsuba għall-ġugarelli;

(c) prodotti mediċinali imqiegħda b'mod leċitu għad-dispożizzjoni ta' membru tal-pubbliku ġenerali abbażi ta' preskrizzjoni medika skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "sustanza" tfisser sustanza fis-sens tal-punt (1) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(2) "taħlita" tfisser taħlita fis-sens tal-punt (2) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(3) "oġġett" tfisser oġġett fis-sens tal-punt (3) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(4) "tqegħid għad-dispożizzjoni" tfisser kwalunkwe provvista, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas;

(5) "introduzzjoni" tfisser l-att li bih tinġieb sustanza fit-territorju ta' Stat Membru kemm jekk minn Stat Membru ieħor kif ukoll jekk minn pajjiż terz;

(6) "użu" tfisser kwalunkwe pproċessar, formulazzjoni, ħażna, trattament jew taħlit, inkluż fil-produzzjoni ta' xi oġġett, jew kwalunkwe użu ieħor;

(7) "membru tal-pubbliku ġenerali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li taġixxi għal finijiet mhux konnessi man-negozju, kummerċ jew professjoni tiegħu;

(8) "transazzjoni suspettuża" tfisser kwalunkwe transazzjoni li tikkonċerna s-sustanzi elenkati fl-Annessi, jew taħlitiet jew sustanzi li fihom dawn is-sustanzi, inklużi transazzjonijiet li jinvolvu utenti professjonali, fejn ikun hemm raġunijiet tajbin għas-suspett li s-sustanza jew taħlita tkun maħsuba għall-manifattura illeċita tal-isplussivi;

(9) "operatur ekonomiku" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' dawn il-persuni u/jew entitajiet li jipprovdu prodotti jew servizzi fis-suq;

(10) "prekursur tal-isplussivi ristrett" tfisser sustanza elenkata fl-Anness I, f'konċentrazzjoni li teċċedi l-valur limitu stabbilit fih u tinkludi taħlita jew sustanza oħra li fiha tkun preżenti tali sustanza elenkata f'konċentrazzjoni li teċċedi l-valur limitu korrispondenti.

*Artikolu 4*

**Tqegħid għad-dispożizzjoni, introduzzjoni, pussess u użu**

1. Il-prekursuri tal-isplussivi ristretti m'għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta', jew jiġu introdotti, pposseduti jew użati minn, membri tal-pubbliku ġenerali.

2. Minkejja l-paragrafu 1, Stat Membru jista' jżomm jew jistabbilixxi reġim ta' reġistrazzjoni li jippermetti li prekursuri tal-isplussivi ristretti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta', jew ikunu pposseduti u użati minn membri tal-pubbliku ġenerali, sakemm il-membru tal-pubbliku ġenerali jikseb, u, jekk jintalab, jippreżenta liċenzja għall-akkwist, pussess jew użu tagħhom, maħruġa skont l-Artikolu 7 minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak il-prekursur tal-isplussivi ristrett ser jiġi akkwistat, possedut jew użat.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, Stat Membru jista' jżomm jew jistabbilixxi reġim ta' reġistrazzjoni li jippermetti li l-prekursuri tal-isplussivi ristretti li ġejjin jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta', jew ikunu pposseduti jew użati minn membri tal-pubbliku ġenerali, jekk l-operatur ekonomiku li jqiegħdhom għad-dispożizzjoni jirreġistra kull transazzjoni f'konformità mal-arranġament dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 8:

(a) perossidu tal-idroġenu (CAS RN 7722-84-1) f'konċentrazzjonijiet li jeċċedu l-valur limitu stabbilit fl-Anness I, iżda ma jeċċedux 35 % w/w;

(b) nitrometan (CAS RN 75-52-5) f'konċentrazzjonijiet li jeċċedu l-valur limitu stabbilit fl-Anness I, iżda ma jeċċedux 40 % w/w;

(c) aċidu nitriku (CAS RN 7697-37-2) f'konċentrazzjonijiet li jeċċedu l-valur limitu stabbilit fl-Anness I, iżda ma jeċċedux 10 % w/w.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri kollha li jieħdu sabiex jimplimentaw kwalunkwe wieħed mir-reġimi previsti fil-paragrafi 2 u 3. In-notifika għandha tindika l-prekursuri tal-isplussivi ristretti kollha li fir-rigward tagħhom l-Istat Membru jipprovdi għal eċċezzjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblikament disponibbli lista ta' miżuri nnotifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 4.

6. Fejn membru tal-pubbliku ġenerali jkollu l-intenzjoni li jintroduċi prekursur tal-isplussivi ristrett fit-territorju ta' Stat Membru li dderoga mill-paragrafu 1 bl-applikazzjoni ta' reġim ta' liċenzjar skont il-paragrafu 2 u/jew reġim ta' reġistrazzjoni skont il-paragrafu 3 jew l-Artikolu 17, dik il-persuna għandha tikseb, u, jekk tintalab, tippreżenta lill-awtorità kompetenti liċenzja maħruġa skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 7 u li tkun valida f'dak l-Istat Membru.

([1]) ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 46, 17.2.1997, p. 25.

7. Operatur ekonomiku li jqiegħed prekursur tal-isplussivi ristrett għad-disposizzjoni ta' membru tal-pubbliku ġenerali skont il-paragrafu 2a għandu, għal kull transazzjoni, ikun meħtieġ li jippreżenta liċenzja jew, jekk dan jitqiegħed għad-dispożizzjoni skont il-paragrafu 3, iżomm rekord tat-transazzjoni, f'konformità mar-reġim stabbilit mill-Istat Membru fejn il-prekursur tal-isplussivi ristrett jitqiegħed għad-dispożizzjoni.

*Artikolu 5*

**Tikkettar**

Operatur ekonomiku li jkollu l-intenzjoni li jqiegħed prekursuri tal-isplussivi ristretti għad-disposizzjoni ta' membru tal-pubbliku ġenerali, għandu jiżgura, jew billi jwaħħal tikketta adatta jew billi jivverifika li twaħħlet tikketta adatta, li l-imballaġġ jindika b'mod ċar li l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' dak il-prekursur tal-isplussivi ristrett minn membri tal-pubbliku ġenerali jkun soġġett għal restrizzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 4(1), (2) u (3).

*Artikolu 6*

**Moviment liberu**

Mingħajr preġudizzju għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 u għall-Artikolu 13, u sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'atti legali oħrajn tal-Unjoni, l-Istati Membri m'għandhomx, abbażi ta' raġunijiet relatati mal-prevenzjoni tal-manifattura illeċita tal-isplussivi, jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta':

(a) is-sustanzi elenkati fl-Anness I f'konċentrazzjonijiet li ma jeċċedux il-valuri limitu stabbiliti fih; jew

(b) is-sustanzi elenkati fl-Anness II.

*Artikolu 7*

**Liċenzji**

1. Kull Stat Membru li joħroġ liċenzji lil membri tal-pubbliku ġenerali b'interess leġittimu li jakkwistaw, jintroduċu, jippossjedu jew jużaw prekursuri tal-isplussivi ristretti għandu jistabbilixxi regoli għall-għoti tal-liċenzja kif previst fl-Artikolu 4(2) u (6). Meta tqis jekk tagħtix liċenzja jew le, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u, b'mod partikolari, il-liċeità tal-użu maħsub tas-sustanza. Il-liċenzja għandha tiġi rifjutata jekk ikun hemm raġunijiet aċċettabbli sabiex wieħed jiddubita l-liċeità tal-użu maħsub jew l-intenzjonijiet tal-utent biex jużaha għal skop leċitu.

2. L-awtorità kompetenti tista' tagħżel kif tillimita l-validità tal-liċenzja, billi tippermetti l-użu uniku jew multiplu għal perjodu li ma jaqbiżx tliet snin. L-awtorità kompetenti tista' tobbliga lid-detentur tal-liċenzja biex juri, sal-iskadenza indikata tal-liċenzja, li l-kondizzjonijiet li taħthom ingħatat il-liċenzja għadhom sodisfatti. Il-liċenzja għandha ssemmi l-prekursuri tal-isplussivi ristretti li fir-rigward tagħhom hija tinħareġ.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-applikanti jħallsu miżata mal-applikazzjoni għal liċenzja. Tali miżata m'għandhiex teċċedi l-ispiża tal-ipproċessar tal-applikazzjoni.

4. Il-liċenzja tista' tiġi sospiża jew revokata mill-awtorità kompetenti kull fejn ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li l-kondizzjonijiet li taħthom ingħatat il-liċenzja m'għadhomx sodisfatti.

5. L-appelli kontra kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, u disputi li jikkonċernaw il-konformità mal-kondizzjonijiet tal-liċenzji, għandhom jinstemgħu minn entità adatta li tkun responsabbli taħt il-liġi nazzjonali.

6. Il-liċenzji mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jkunu rikonoxxuti fi Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni għandha, sat-2 ta' Settembru 2014, tfassal linji gwida, wara li tikkonsulta l-Kumitat Permanenti dwar il-Prekursuri, dwar id-dettalji tekniċi tal-liċenzji sabiex ikun iffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tagħhom. Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu wkoll informazzjoni dwar liema data għandha tiġi inkluża fil-liċenzji li jkunu validi għall-introduzzjoni ta' prekursuri tal-isplussivi ristretti, inkluż abbozz ta' format għal dawn il-liċenzji.

*Artikolu 8*

**Reġistrazzjoni ta' transazzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' reġistrazzjoni taħt l-Artikolu 4(3), membri tal-pubbliku ġenerali għandhom jidentifikaw rwieħhom permezz ta' dokument uffiċjali ta' identifikazzjoni.

2. Ir-reġistru għandu mill-inqas jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, indirizz u, fejn applikabbli, jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-pubbliku ġenerali jew it-tip u n-numru tad-dokument uffiċjali ta' identifikazzjoni tiegħu;

(b) l-isem tas-sustanza jew tat-taħlita, inkluża l- konċentrazzjoni tagħha;

(c) l-ammont tas-sustanza jew tat-taħlita;

(d) l-użu maħsub tas-sustanza jew tat-taħlita kif iddikjarat mill-membru tal-pubbliku ġenerali;

(e) id-data u l-post tat-transazzjoni;

(f) il-firma tal-membru tal-pubbliku ġenerali.

3. Ir-reġistru għandu jinżamm għal ħames snin mid-data tat-transazzjoni. Matul dak il-perjodu, ir-reġistru għandu jsir disponibbli għall-ispezzjoni fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti.

4. Ir-reġistru għandu jinżamm fuq il-karta jew fuq mezz durevoli ieħor u għandu jkun disponibbli għall-ispezzjoni fi kwalunkwe waqt matul il-perijodu kollu previst fil-paragrafu 3. Kwalunkwe data ppreżervata elettronikament għandha:

(a) taqbel mal-format u l-kontenut tad-dokumenti korrispondenti fuq il-karta, u

(b) tkun immedjatament disponibbli fi kwalunkwe waqt matul il-perijodu kollu previst fil-paragrafu 3.

*Artikolu 9*

**Rappurtaġġ ta' transazzjonijiet suspettużi, għajbien u serq**

1. Transazzjonijiet suspettużi li jinvolvu s-sustanzi elenkati fl-Annessi, jew li jinvolvu taħlitiet jew sustanzi li fihom dawk is-sustanzi, għandhom jiġu rrappurtati immedjatament skont dan l-Artikolu.

2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punt ta' kuntatt nazzjonali wieħed jew aktar b'numru tat-telefon u indirizz elettroniku identifikati b'mod ċar għar-rappurtaġġ ta' transazzjonijiet suspettużi.

3. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jirriżervaw id-dritt li jirrifjutaw it-transazzjoni suspettuża u għandhom jirrappurtaw, mingħajr dewmien żejjed, it-transazzjoni jew it-tentattiv ta' transazzjoni, inkluża jekk possibbli l-identità tal-klijent, lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun ġiet konkluża jew tentata t-transazzjoni fil-każ li huma jkollhom raġunijiet aċċettabbli biex jemmnu li transazzjoni proposta li tinvolvi wieħed jew iktar minn wieħed mis-sustanzi elenkati fl-Annessi, jew t li tinvolvi aħlitiet jew sustanzi li fihom dawk is-sustanzi, hija transazzjoni suspettuża, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi kollha u b'mod partikolari fejn il-klijent prospettiv:

(a) jidher mhux ċar dwar l-użu maħsub tas-sustanza jew tat-taħlita;

(b) jidher mhux familjari mal-użu maħsub tas-sustanza jew tat-taħlita jew ma jistax jispjegah b'mod plawżibbli;

(c) biħsiebu jixtri kwantitajiet, kombinazzjonijiet jew konċentrazzjonijiet li huma insoliti għall-użu privat;

(d) ma jridx jipprovdi prova ta' identità jew post ta' residenza; jew

(e) jinsisti li juża metodi insoliti ta' pagament, inklużi ammonti kbar ta' flus.

4. L-operaturi ekonomiċi għandhom jirrappurtaw ukoll għajbien u serq sinifikanti tas-sustanzi elenkati fl-Annessi u ta' taħlitiet jew sustanzi li fihom dawk is-sustanzi lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru fejn sar l-għajbien jew is-serq.

5. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Permanenti dwar il-Prekursuri, tfassal, sat-2 ta' Settembru 2014, linji gwida biex jassistu l-katina tal-provvista kimika u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet komptenti. Il-linji gwida għandhom, b'mod partikolari, jipprovdu:

(a) informazzjoni dwar kif tirrikonoxxi u tirrapporta transazzjonijiet suspettużi, b'mod partikolari fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet u/jew kwantitajiet ta' sustanzi elenkati fl-Anness II li normalment taħthom ma tkunx meħtieġa azzjoni;

(b) informazzjoni dwar kif tirrikonoxxi u tirrapporta għajbien u serq sinifikanti;

(c) informazzjoni oħra li tista' tiġi kkunsidrata meħtieġa.

Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-linji gwida regolarment.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-linji gwida previsti fil-paragrafu 5 jkunu disseminati regolarment b'mod li jkun meqjus bħala adegwat mill-awtoritajiet kompetenti skont l-għanijiet tal-linji gwida.

*Artikolu 10*

**Protezzjoni ta' data**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ipproċessar ta' data personali li jsir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jikkonformamad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ipproċessar ta' data personali meħtieġa fir-rigward ta' liċenzjar taħt l-Artikolu 4(2) u (6) u l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament jew għar-reġistrazzjoni ta' transazzjonijiet taħt l-Artikolu 4(3) u l-Artikoli 8 u 17 ta' dan ir-Regolament, u r-rappurtar ta' transazzjonijiet suspettużi taħt l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, jikkonformaw mad-Direttiva 95/46/KE.

*Artikolu 11*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 12*

**Emendament tal-Annessi**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14 dwar il-bidliet tal-valuri limitu fl-Anness I sa fejn meħtieġ biex jiġu indirizzati l-iżviluppi fl-użu skorrett tas-sustanzi bħala prekursuri tal-isplussivi, jew abbażi tar-riċerka u l-ittestjar, kif ukoll dwar iż-żieda ta' sustanzi mal-Anness II, fejn meħtieġ biex jiġu indirizzati l-iżviluppi fl-użu skorrett tas-sustanzi bħala prekursuri tal-isplussivi. Il-Kummissjoni għandha, bħala parti mit-tħejjija ta' atti ddelegati, tagħmel ħilitha biex tikkonsulta mal-partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari l-industrija kimika u s-settur tal-bejgħ bl-imnut.

Fejn, fil-każ ta' tibdil f'daqqa fl-istima tar-riskji sa fejn huwa kkonċernat l-użu skorrett ta' sustanzi għall-iskop tal-manifattura illeċita ta' splussivi, ikun meħtieġ minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-proċedura prevista fl-Artikolu 15 għandha tapplika għall-atti ddelegati adottati skont dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att iddelegat separat fir-rigward ta' kull bidla tal-valuri limiti fl-Anness I u kull sustanza ġdida li tiżdied fl-Anness II. Kull att iddelegat għandu jkun ibbażat fuq analiżi li turi li l-emenda x'aktarx ma twassalx għal piż sproporzjonat fuq operaturi ekonomiċi jew konsumaturi, b'kont debitament meħud tal-objettivi li għandhom jintlaħqu.

*Artikolu 13*

**Klawżola ta' salvagwardja**

1. Fejn Stat Membru jkollu raġunijiet biex jemmen li sustanza speċifika mhux elenkata fl-Annessi tista' tintuża għall-manifattura illeċita tal-isplussivi, dan jista' jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid għad-dispożizzjoni, il-pussess u l-użu ta'

dik is-sustanza, jew ta' kwalunkwe taħlita jew sustanza li fiha dik is-sustanza, jew jista' jipprovdi li s-sustanza tkun soġġetta għar-rappurtaġġ ta' transazzjonijiet suspettużi f'konformità mal-Artikolu 9.

2. Fejn Stat Membru jkollu raġunijiet aċċettabbli biex jemmen li sustanza speċifika mhux elenkata fl-Anness I tista' tintuża għall-manifattura illeċita tal-isplussivi, f'konċentrazzjoni aktar baxxa mill-valur ta' limitu stabbilit fl-Anness I, dan jista' jirrestrinġi jew jipprojbixxi aktar it-tqegħid għad-dispożizzjoni, il-pussess u l-użu ta' dik is-sustanza billi jimponi valur limitu ta' konċentrazzjoni li jkun aktar baxx.

3. Fejn Stat Membru jkollu raġunijiet aċċettabbli biex jistabbilixxi valur limitu ta' konċentrazzjoni li meta jinqabeż minn sustanza elenkata fl-Anness II, din għandha tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet li japplikaw għal prekursuri tal-isplussivi ristretti, dan jista' jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid għad-dispożizzjoni, il-pussess u l-użu ta' dik is-sustanza billi jimponi konċentrazzjoni permessa massima.

4. Stat Membru li jirrestrinġi jew jipprojbixxi sustanzi f'konformità mal-paragrafu 1, 2 jew 3 għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan, u jagħti r-raġunijiet tiegħu għal dan.

5. Fid-dawl tal-informazzjoni kkomunikata skont il-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha teżamina minnufih jekk tħejjijx emendi għall-Annessi f'konformità mal-Artikolu 12(1) jew jekk tħejjijx proposta leġislattiva biex jiġu emendati l-Annessi. L-Istat Membru kkonċernat għandu, fejn ikun il-każ, jemenda jew iħassar il-miżuri nazzjonali tiegħu sabiex jieħu kont ta' kwalunkwe emenda bħal din fl-Annessi.

6. Sat-2 ta' Ġunju 2013, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura nazzjonali eżistenti sabiex jirrestrinġu jew jipprojbixxu t-tqegħid għad-dispożizzjoni, il-pussess u l-użu ta' sustanza jew ta' kwalunkwe taħlita jew sustanza li fiha dik is-sustanza fuq il-bażi li din tista' tintuża għall-manifattura illeċita tal-isplussivi.

*Artikolu 14*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 12 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-1 ta' Marzu 2013 Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 15*

**Proċedura ta' urġenza**

1. L-atti ddelegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressal-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att iddelegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(5). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

*Artikolu 16*

**Dispożizzjoni transizzjonali**

Il-pussess u l-użu minn membri tal-pubbliku ġenerali ta' prekursuri tal-isplussivi ristretti għandhom ikunu permessi sat-2 ta' Marzu 2016

*Artikolu 17*

**Reġimi eżistenti ta' reġistrazzjoni**

Stat Membru li fl-1 ta' Marzu 2013 jkollu reġim stabbilit li jeħtieġ li operaturi ekonomiċi jirreġistraw transazzjonijiet li jqiegħdu xi wieħed jew aktar prekursuri tal-isplussivi ristretti għad-dipożizzjoni ta' membri tal-pubbliku ġenerali jistgħu jidderogaw mill-Artikolu 4(1) jew (2) bl-applikazzjoni ta' dak ir-reġim ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 8 għal xi wħud mis-sustanzi jew għas-sustanzi kollha elenkati fl-Anness I. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4(4) sa (7) għandhom japplikaw mutatis mutandis.

*Artikolu 18*

**Reviżjoni**

1. Sat-2 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u teżamina:

(a) kwalunkwe problema li rriżultat mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(b) kemm ikunu kunsiljabbli u fattibbli aktar tisħiħ u armonizzazzjoni tas-sistema minħabba t-theddida għas-sigurtà pubblika kkawżata mit-terroriżmu u attivitajiet kriminali serji oħrajn, b'kont meħud tal-esperjenzi miksubin mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe nuqqas ta' sigurtà ttraċċat, b'kont meħud tal-ispejjeż u l-benefiċċji għall-Istati Membri, l-operaturi ekonomiċi u l-partijiet interessati rilevanti l-oħrajn;

(c) kemm tkun kunsiljabbli u fattibbli l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex ikopri l-utenti professjonali, b'kont meħud tal-piż impost fuq l-operaturi ekonomiċi u fid-dawl tal-għan ta' dan ir-Regolament;

(d) kemm tkun kunsiljabbli u fattibbli l-inklużjoni ta' prekursuri tal-isplussivi mhux skedati fid-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtaġġ ta' transazzjonijiet suspettużi, għajbien u serq.

2. Sat-2 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina l-possibbiltajiet għat-trasferiment tad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar in-nitrat tal-ammonju mir-Regolament (UE) Nru 1907/2006 għal dan ir-Regolament.

3. Jekk ikun il-każ, fid-dawl tar-rapporti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-ħsieb li temenda dan ir-Regolament kif meħtieġ.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mit-2 ta' Settembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Jannar 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | L. CREIGHTON |

*ANNESS I*

Sustanzi li m'għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-membri tal-pubbliku ġenerali waħedhom, jew f'taħlitiet jew sustanzi li jinkluduhom, ħlief jekk il-konċentrazzjoni tkun ugwali għal jew aktar baxxa mill-valuri limitu stabbiliti hawn taħt

| Isem tas-sustanza u n-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (CAS RN) | Valur limitu | Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) għal kompost separat definit b'mod kimiku li jissodisfa r-rekwiżiti tan-Nota 1 tal-Kapitolu 28 jew 29 tan-NM, rispettivament (1) | Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) għal taħlita mingħajr kostitwenti (p.eż. merkurju, metalli prezzjużi jew metalli rari jew sustanzi radjuattivi) li jiddeterminaw il-klassifika taħt kodiċi ieħor tan-NM (1) |
|---|---|---|---|
| Perossidu tal-idroġenu (CAS RN 7722-84-1) | 12 % w/w | 2847 00 00 | 3824 90 97 |
| Nitrometanu (CAS RN 75-52-5) | 30 % w/w | 2904 20 00 | 3824 90 97 |
| Aċidu nitriku (CAS RN 7697-37-2) | 3 % w/w | 2808 00 00 | 3824 90 97 |
| Klorat tal-potassju (CAS RN 3811-04-9) | 40 % w/w | 2829 19 00 | 3824 90 97 |
| Perklorat tal-potassju (CAS RN 7778-74-7) | 40 % w/w | 2829 90 10 | 3824 90 97 |
| Klorat tas-sodju (CAS RN 7775-09-9) | 40 % w/w | 2829 11 00 | 3824 90 97 |
| Perklorat tas-sodju (CAS RN 7601-89-0) | 40 % w/w | 2829 90 10 | 3824 90 97 |

(1) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 948/2009 (ĠU L 287, 31.10.2009, p. 1).

*ANNESS II*

Sustanzi waħedhom jew f'taħlitiet jew f'sustanzi li fir-rigward tagħhom għandhom jiġu rrapurtati transazzjonijiet suspettużi

| Isem tas-sustanza u n-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (CAS RN) | Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) għal kompost separat definit b'mod kimiku li jissodisfa r-rekwiżiti tan-Nota 1 tal-Kapitolu 28, in-Nota 1 tal-Kapitolu 29 jew in-Nota 1(b) tal-Kapitolu 31 tan-NM, rispettivament ([1]) | Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) għal taħlitiet mingħajr kostitwenti (p.eż. merkurju, metalli prezzjużi jew metalli rari jew sustanzi radjoattivi) li jiddetermina l-klassifika taħt kodiċi ieħor tan-NM ([1]) |
|---|---|---|
| Hexamine<br>(CAS RN 100-97-0) | 2921 29 00 | 3824 90 97 |
| Aċidu sulfuriku<br>(CAS RN 7664-93-9) | 2807 00 10 | 3824 90 97 |
| Aċetun<br>(CAS RN 67-64-1) | 2914 11 00 | 3824 90 97 |
| Nitrat tal-potassju<br>(CAS RN 7757-79-1) | 2834 21 00 | 3824 90 97 |
| Nitrat tas-sodju<br>(CAS RN 7631-99-4) | 3102 50 10 (naturali)<br>3102 50 90 (mhux naturali) | 3824 90 97<br>3824 90 97 |
| Nitrat tal-kalċju<br>(CAS RN 10124-37-5) | 2834 29 80 | 3824 90 97 |
| Nitrat tal-ammonju tal-kalċju<br>(CAS RN 15245-12-2) | 3102 60 00 | 3824 90 97 |
| Nitrat tal-ammonju<br>(CAS RN 6484-52-2) [f'konċentrazzjoni ta' 16 % skont il-piż tan-nitroġenu fir-rigward tan-nitrat tal-ammonju jew ogħla] | 3102 30 10 (f'soluzzjoni tal-ilma)<br>3102 30 90 (ieħor) | 3824 90 97 |

([1]) Regolament (KE) Nru 948/2009.

# REGOLAMENT (UE) Nru 99/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Jannar 2013

## dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) Data empirika u statistika solida huma assolutament essenzjali sabiex jitkejjel il-progress u tiġi evalwata l-effiċjenza tal-politika u l-programmi tal-Unjoni, speċjalment fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020 stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (Ewropa 2020).

(2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea [2], għandu jiġi stabblilit programm statistiku Ewropew multiannwali ("il-programm multiannwali"), li jipprovdi qafas għall-finanzjament ta' azzjonijiet tal-Unjoni.

(3) Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-programm multiannwali għandu jipprovdi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea, l-oqsma ewlenin u l-għanijiet tal-azzjonijiet maħsuba għal perjodu li ma jabiżx il-ħames snin. Għandu jistabbilixxi prijoritajiet li jikkonċernaw il-ħtiġijiet għal informazzjoni għall-fini li jitwettqu l-attivitajiet tal-Unjoni. Dawk il-ħtiġijiet għandhom jitqiesu meta mqabbla mar-riżorsi meħtieġa fuq livell tal-Unjoni u dak nazzjonali sabiex tiġi pprovduta l-istatistika meħtieġa, kif ukoll meta mqabbla mal-piż tar-rispons u l-ispejjeż assoċjati ta' min iwieġeb, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-effiċjenza meta mqabbla mal-ispiża.

(4) L-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea fil-qafas leġislattiv tal-programm multiannwali għandhom jintlaħqu permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib u kkoordinata fis-Sistema Statistika Ewropea (SSE) bejn l-awtorità statistika tal-Unjoni, li hija l-Kummissjoni (Eurostat), u l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra kif maħtura mill-Istati Membri [3] (kollettivament "awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika"). L-indipendenza professjonali tal-istituti nazzjonali tal-istatistika kif ukoll tal-Kummissjoni (Eurostat) hija essenzjali għall-forniment ta' data statistika kredibbli u ta' kwalità għolja.

(5) Il-kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika hija assolutament essenzjali sabiex tissaħħaħ il-kwalità tal-istatistika Ewropea. Kooperazzjoni aktar mill-qrib bħal din għandha tiffoka l-aktar fuq il-forniment ta' taħriġ metodoloġiku ulterjuri dwar l-istatistika u kwistjonijiet relatati, fuq l-iżvilupp u t-tixrid tal-prattiki tajba eżistenti fi ħdan is-SSE, kif ukoll fuq l-iskambju tal-persunal fiż-żewġ direzzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat).

(6) L-implimentazzjoni tal-programm multiannwali hija opportunità biex tiġi prodotta statistika Ewropea armonizzata sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni statistika komuni, komparabbli u affidabbli fil-livell tal-Unjoni.

(7) L-istatistika ta' kwalità għolja żviluppata, prodotta u mxerrda taħt il-programm multiannwali hija essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, għandha tkun disponibbli fil-waqt u għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni kif rifless fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u Ewropa 2020 u kwalunkwe politika oħra indirizzata fil-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni għall-2010-2014 (jiġifieri governanza ekonomika msaħħa u integrata, tibdil fil-klima, politika agrikola rriformata, tkabbir u koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-Ewropa taċ-ċittadini u l-globalizzazzjoni. Huma għandhom jitrawmu permezz ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm multiannwali fejn l-Unjoni tista' ġġib valur miżjud ċar u li jkollhom l-għan ukoll li jiżguraw li l-indikaturi ekonomiċi, soċjali u ambjentali jiġu trattati kollha b'mod ugwali.

[1] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012.

[2] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

[3] Mingħajr ħsara għall-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(8) Meta jiġu definiti l-oqsma ta' statistika li għandhom jiġu żviluppati, għandhom jitqiesu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej ([1]), li jirrelataw mal-iżvilupp ta' moduli ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali ġodda.

(9) Barra minn hekk, fl-istudji statistiċi għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-impatt tal-programmi ta' konsolidament ekonomiku fuq il-ħaddiema u ċittadini oħrajn. Id-data statistika għandha tinġabar b'tali mod li tiġi żgurata l-viżibilità tal-iżviluppi fl-Istati Membri individwali, bħal żviluppi fir-rigward tal-qgħad, l-ammont ta' ħlasijiet ta' trasferiment soċjali u l-bidliet fihom, l-għadd u l-kwalità ta' impjiegi, mobilità tal-impjiegi fi ħdan l-Istati Membri, fi ħdan l-Unjoni u bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, u l-bidliet soċjoġeografiċi relatati fl-istruttura tas-salarji u l-miżuri ta' taħriġ.

(10) Fis-snin riċenti s-SSE kellha tħabbat wiċċha ma' numru ta' sfidi. Fl-ewwel lok, nuqqas ta' statistika nazzjonali ta' kwalità għolja jista' jkollu effetti negattivi fuq l-Istati Membri u fuq l-Unjoni b'mod ġenerali. Statistika konsistentement preċiża u ta' kwalità għolja, prodotta mill-istituti nazzjonali tal-istatistika professjonalment indipendenti, hija għalhekk assolutament essenzjali għall-fini tat-tfassil tal-politika fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u b'mod partikolari fil-kuntest tal-mekkaniżmi superviżorji taż-żona tal-euro.

(11) Fit-tieni lok, il-ħtieġa għal statistika Ewropea ilha tiżdied b'mod konsistenti, u mhuwiex probabbli li din it-tendenza se tinbidel fil-futur. Il-globalizzazzjoni ekonomika tirrappreżenta sfida speċifika, li tirrikjedi l-iżvilupp ta' metriċi ġodda biex jitkejlu l-katini tal-valur globali b'mod ikkoordinat internazzjonalment, biex b'hekk tingħata stampa aħjar tat-tkabbir ekonomiku u tal-ħolqien tal-impjiegi.

(12) Fit-tielet lok, in-natura tal-ħtiġijiet qegħda tinbidel b'mod kostanti b'mod li tirrikjedi aktar sinerġija bejn oqsma tal-istatistika.

(13) Fir-raba' lok, analiżijiet xierqa tad-data disponibbli jistgħu jagħmluha aktar faċli li jiġu mmonitorjati l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-impatt tal-politiki implimentati fuq iċ-ċittadini, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli.

(14) Fil-ħames lok, in-natura tal-istatistika nbidlet. Hija ma għadhiex sempliċement sors wieħed ta' informazzjoni għall-fini tat-tfassil tal-politika, iżda issa daħlet fil-qalba tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. It-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza jirrikjedi statistika li tilħaq kriterji ta' kwalità għolja konnessi mal-finijiet speċifiċi li tkun qed isservi, u hemm ħtieġa li dejjem qiegħda tikber għal statistika multidimensjonali kumplessa li tappoġġja oqsma komposti ta' politika. Sabiex ikun hemm rispons korrett għar-rekwiżiti tat-tfassil tal-politika, huwa neċessarju li jkun hemm data diżaggregata skont is-sessi, meta dan ikun xieraq.

(15) Fis-sitt lok, minħabba li tfaċċaw atturi ġodda fis-suq tal-informazzjoni, inklużi dawk li jipprovdu informazzjoni f'ħin kważi reali, il-prijorità għas-SSE fil-futur hija l-kwalità għolja, inkluża l-puntwalità.

(16) Fis-seba' lok, il-limiti baġitarji kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni kif ukoll il-ħtieġa li jitnaqqas iżjed il-piż fuq l-impriżi u ċ-ċittadini jkabbru l-isfida ppreżentata minn din is-sitwazzjoni.

(17) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Awwissu 2009 dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE: viżjoni għad-deċennju li ġej u l-istrateġija tas-SSE għall-implimentazzjoni tagħha jindirizzaw dawk is-seba' sfidi kollha bl-għan li jitfasslu mill-ġdid il-modi ta' ħidma fis-SSE sabiex jagħmluha iżjed effiċjenti u flessibbli. L-implimentazzjoni ta' dik il-Komunikazzjoni tikkostitwixxi l-qofol tal-programm multiannwali fil-qafas tal-istrateġija tas-SSE konġunta.

(18) Sabiex tiġi żgurata l-integrità u l-kwalità tal-ġestjoni fl-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea taħt dan ir-Regolament, l-istituti tal-istatistika nazzjonali u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex iżommu l-fiduċja pubblika fl-istatistika u biex jippermettu applikazzjoni aktar rigoruża tal-Kodiċi tal-Prattika Ewropew tal-Istatistika fis-seħħ u tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' April 2011 bl-isem "L-immaniġġjar sod tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea", filwaqt li jkun hemm konformità mal-prinċipji stipulati fihom.

(19) Bl-għan li jitqabblu aħjar ir-riżorsi limitati disponibbli għall-produtturi nazzjonali u Ewropej għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea mal-ħtiġijiet li dejjem qegħdin jikbru għal statistika, il-fażi ta' preparazzjoni tal-programmi annwali ta' ħidma statistika tal-Kummissjoni, li jispjegaw fid-dettall dan il-programm multiannwali, għandha tinkludi analiżi sistematika u bir-reqqa tal-prijoritajiet statistiċi li se jnaqqsu rekwiżiti inqas importanti u jissimplifikaw proċessi eżistenti, waqt li fl-istess ħin tejbu l-affidabilità u jżommu l-istandards ta' kwalità għolja tal-istatistika uffiċjali. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-piż fuq min iwieġeb, sew jekk ikunu negozji, unitajiet ċentrali, reġjonali jew lokali tal-gvern, kif ukoll familji jew individwi. Il-proċess għandu jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib kemm mal-utenti kif ukoll ma' min jipproduċi l-istatistika Ewropea.

([1]) ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1.

(20) F'dan il-kuntest, għandha tintlaħaq kondiviżjoni raġonevoli tal-piż finanzjarju bejn il-baġits tal-Unjoni u l-Istati Membri. Minbarra l-allokazzjoni finanzjarja stabbilita b'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom għalhekk jirċievu f'livell nazzjonali l-finanzjament xieraq sabiex iwettqu l-azzjonijiet statistiċi individwali li tkun ittieħdet deċiżjoni dwarhom għall-implimentazzjoni tal-programm multiannwali.

(21) Minħabba l-piż tal-konformità, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri ż-żgħar, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tkun tista' tipprovdi assistenza teknika u għarfien espert lill-Istati Membri biex tgħinhom jegħlbu limitazzjonijiet ta' riċerka u ostakoli metodoloġiċi maġġuri, bil-għan li jkunu żgurati l-konformità u l-forniment ta' data ta' kwalità għolja.

(22) Il-pakkett finanzjarju tal-programm multiannwali għandu jiġi allokat ukoll b'tali mod li jkopri l-ispejjeż meħtieġa għat-titjib tal-proċess ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea ta' kwalità għolja, u għall-kapaċità biex isir dan, kif ukoll għall-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-esperti tal-istatistika nazzjonali.

(23) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni għandhom jappoġġjaw azzjonijiet għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea kif stabbilit f'dan ir-Regolament. Għandhom jieħdu l-forma ta' għotjiet, ta' appalti tal-akkwist pubbliku jew kwalunkwe interventi meħtieġa għall-finijiet tal-ilħiq tal-objettivi tal-programm multiannwali. F'dan il-kuntest, l-użu ta' somom globali għandu jkun mezz ewlieni kif tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-għotjiet.

(24) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għandha tiġi żviluppata struttura finanzjarja adegwata sabiex tappoġġja n-networks kollaborattivi.

(25) Għandu jsir provvediment sabiex il-programm multiannwali jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li qegħdin jipparteċipaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-pajjiżi ŻEE/EFTA") u għall-Isvizzera. Għandhom jsir ukoll provvediment sabiex il-programm multiannwali jinfetaħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra, b'mod partikolari l-pajjiżi tal-viċinat tal-Unjoni, il-pajjiżi li applika għas-sħubija fl-Unjoni u l-pajjiżi kandidati u dawk aderenti.

(26) Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-programm multiannwali, fejn ikun xieraq, għandha tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fil-programm multiannwali, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe ftehimiet rilevanti, jew kwalunkwe ftehimiet previsti, bejn dawk il-pajjiżi u l-Unjoni.

(27) Sabiex jiġu kkunsidrati bħala deċiżjonijiet ta' finanzjament skont l-Artikolu 84(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ([1]) ("ir-Regolament Finanzjarju"), il-programmi ta' ħidma annwali adottati mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-programm multiannwali, għandhom jistipulaw l-għanijiet li għandhom jintlaħqu, ir-riżultati mistennija, il-metodu tal-implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni uu skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni indikattiva. Huwa xieraq li dawn jistabbilixxu wkoll ir-rilevanza tal-għanijiet li jridu jiġu milħuqa għall-ħtiġijiet tal-utenti kif ukoll pjan tal-proġett. Għall-għotjiet għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji ta' valutazzjoni essenzjali u r-rata massima ta' kofinanzjament. Barra minn hekk, il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jinkludu indikaturi xierqa għall-monitoraġġ tal-eżiti.

(28) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit il-programm multiannwali, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(29) Twettqet evalwazzjoni ex-ante skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, sabiex il-programm multiannwali jiġi ffukat fuq il-ħtieġa għal effikaċja u effiċjenza fl-ilħiq tal-għanijiet tiegħu u sabiex il-limiti baġitarji jiġu inkorporati mill-fażi ta' tfassil tal-programm multiannwali 'l quddiem. Il-valur u l-impatt tal-miżuri meħuda taħt il-programm multiannwali għandhom jiġu mmonitorjati u evalwati regolarment, inkluż minn evalwaturi esterni indipendenti. Għall-fini li jiġi evalwat il-programm multiannwali, ġew ifformolati għanijiet li jistgħu jitkejlu u ġew żviluppati indikaturi.

(30) Għall-2013, dan ir-Regolament jistabbilixxi allokazzjoni finanzjarja għall-programm multiannwali, li, fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, għandha tkun ir-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja, kif mifhum fil-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ([2]).

(31) Minbarra l-pakkett finanzjarju stabbilit b'dan ir-Regolament, l-azzjonijiet statistiċi individwali li għandhom bħala għan tagħhom l-implimentazzjoni tal-programm multiannwali, inkluż azzjonijiet li jieħdu l-forma ta' ftehim ftehim bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat), għandhom jirċievu, safejn ikun possibbli, finanzjament xieraq fil-livell nazzjonali.

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

(32) Il-valutazzjoni tal-impatt għal dan ir-Regolament, li tindika l-iffrankar tal-ispejjeż għall-Unjoni u l-Istati Membri hija l-bażi għall-impenn tal-finanzjamenti għall-programm multiannwali. L-iffrankar tal-ispejjeż se jirriżulta, b'mod partikolari, minn metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea konsegwenza ta' żviluppi fl-oqsma tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

(33) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jitħarsu permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu kollu ta' nfiq, inklużi l-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, penali.

(34) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità ta' operazzjonijiet statistiċi taħt il-programmee multiannwali għas-sena kalendarja sħiħa 2013, u għall-iskop ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu u għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013. Id-data ta 'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha, b'mod partikolari, isservi biex tiġġustifika l-pagamenti lill-persunal kuntrattwali kif ukoll l-attivitajiet kollha taħt il-programm multiannwali.

(35) Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-abbozz tal-programm multiannwali ġie sottomess għal eżami minn qabel lill-Kumitat Ewropew tas-Sistema Statistika, lill-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika mwaqqaf bid-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u lill-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE ([2]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**L-Istabbiliment tal-programm statistiku Ewropew**

Il-programm statistiku Ewropew għall-perjodu 2013 sal-2017 ("il-programm") qiegħed jiġi stabbilit b'dan.

*Artikolu 2*

**Valur miżjud**

Il-programm jirrappreżenta l-valur miżjud tal-iżgurar li l-istatistika Ewropea tkun iffukata fuq l-informazzjoni meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. Barra minn hekk, dan jikkontribwixxi għall-użu effettiv tar-riżorsi billi jrawwem azzjonijiet li jipprovdu kontribut essenzjali lejn l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni statistika armonizzata, paragunabbli, affidabbli, faċli li tintuża u aċċessibbli, abbażi ta' standards uniformi u prinċipji komuni kif stabbilit fil-Kodiċi tal-Prattika Ewropew tal-Istatistika ("Kodiċi tal-Prattika"), kif adottat mill-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea (KSSE), b'mod partikolari il-kriterji ta' kwalità tar-relevanza, l-eżattezza u l-affidabilità, id-disponibilità fil-waqt u l-puntwalità, l-aċċessibilità u ċ-ċarezza u l-koerenza u l-komparabilità.

([1]) ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13.
([2]) ĠU L 332, 30.11.2006, p. 21.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jipprovdi l-qafas ta' programmazzjoni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea, l-oqsma ewlenin u l-għanijiet tal-azzjonijiet maħsuba għall-perjodu 2013 sal-2017, skont l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

2. Il-programm ma jkoprix miżuri pprovduti mill-Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Inrapriża u l-Kummerċ ("il-programm MEETS"), stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1297/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), sal-aħħar tal-Programm MEETS fil-31 ta' Diċembru 2013, iżda jinkludi għanijiet fil-qasam tal-istatistika dwar l-impriżi u l-kummerċ li huwa ppjanat li jiġu implimentati bejn l-2014 u l-2017.

*Artikolu 4*

**Għanijiet**

1. L-għan ġenerali tal-programm huwa li s-Sistema Statistika Ewropea (SSE) tibqa' l-fornitur ewlieni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa.

2. Meta jitqiesu r-riżorsi disponibbli kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni u l-piż tar-rispons, l-għanijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jintlaħqu fl-azzjonijiet statistiċi mwettqa għall-implimentazzjoni tal-programm:

— Għan 1: li jipprovdi informazzjoni statistika b'mod li jkun f'waqtu għall-appoġġ tal-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni li jirriflettu tajjeb il-prijoritajiet filwaqt li jżomm bilanċ bejn l-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali u jaqdi l-ħtiġijiet tal-firxa wiesgħa ta' utenti tal-istatistika Ewropea, inklużi entitajiet oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi, negozji u ċittadini Ewropej b'mod ġenerali, b'mod effiċjenti meta mqabbel mal-ispiża, mingħajr duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-isforzi;

— Għan 2: li jimplimenta metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea bl-għan li jsir gwadann fl-effiċjenza u tittejjeb il-kwalità;

— Għan 3: li jsaħħaħ is-sħubija fis-SSE u lil hinn minnha sabiex tittejjeb iżjed il-produttività tagħha u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha; u

— Għan 4: li jiżgura li din l-istatistika tibqa' titwettaq b'mod konsistenti tul il-perjodu kollu tal-programm, sakemm dan ma jinterferixxix mal-mekkaniżmi ta' twaqqif ta' prijoritajiet tas-SSE.

3. L-għanijiet ġenerali u speċifiċi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 huma elaborati iktar fl-Anness, flimkien mal-indikaturi użati għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-programm. Skont l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-programm għandu jkun soġġett għal ippjanar annwali dettaljat li se jinkludi mekkaniżmu ta' twaqqif ta' prijoritajiet bħala parti integrali tal-proċess. L-għanijiet tal-programm għandhom jintlaħqu permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib u kkoordinata

([3]) ĠU L 340, 19.12.2008, p. 76.

fis-SSE. Il-programm għandu jinkludi l-iżvilupp ta' strumenti xierqa li jwasslu għal kwalità msaħħa u aktar flessibilità tas-SSE u ż-żieda fil-kapaċità li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti b'mod li jkun f'waqtu. Huwa għandu jiftaħ ukoll it-triq għall-iżvilupp ta' indikaturi affidabbli li jkunu jistgħu jilqgħu għall-isfidi tas-seklu 21, jiġifieri li jkejlu s-sostenibilità ambjentali, il-kwalità tal-ħajja u l-koeżjoni soċjali, u jirreġistraw l-attività ekonomika fis-settur terzjarju u fl-ekonomija soċjali.

*Artikolu 5*

**Governanza, indipendenza, trasparenza u kwalità tal-istatistika**

1. L-istatistika Ewropea għandha tiġi prodotta b'mod professjonalment indipendenti u trasparenti.

2. Il-programm għandu jiġi implimentat skont il-prinċipji tal-Kodiċi tal-Prattika bl-għan li tiġi prodotta u mxerrda statistika Ewropea ta' kwalità għolja, armonizzata u paragunabbli skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, u li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-SSE b'mod ġenerali. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtorità statistika tal-Unjoni (Kummissjoni (Eurostat)) għandhom jiżguraw, permezz tal-indipendenza professjonali tagħhom, li l-istatistika Ewropea tikkonforma mal-Kodiċi tal-Prattika.

3. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra kif maħtura mill-Istati Membri, (kolletivament "awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika"), u l-Kummissjoni (Eurostat), li huma responsabbli għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea, għandhom:

— jimmiraw li jsaħħu ambjent istituzzjonali u organizzattiv li jippromovi l-koordinazzjoni, l-effikaċja u l-kredibilità tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) li jipproduċu u jxerrdu statistika Ewropea;

— jagħmlu enfasi fuq il-prinċipji statistiċi stabbiliti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u l-ħtiġijiet tal-utenti;

— jaqdu l-ħtiġijiet tal-utenti istituzzjonali tal-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 u jfittxu li jiżviluppaw statistika li taqdi firxa wiesgħa ta' utenti tal-istatistika Ewropea, inklużi entitajiet oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi, negozji u ċittadini Ewropej b'mod ġenerali; u

— jikkooperaw mal-korpi tal-istatistika fil-livell internazzjonali biex jippromwovu l-użu ta' kunċetti, klassifikazzjonijiet, metodi u standards oħra internazzjonali, b'mod partikolari, bl-għan li jiżguraw aktar koerenza u paraggunabilità aħjar fil-livell globali.

4. Kull Stat Membru għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura li l-proċessi tiegħu ta' produzzjoni tal-istatistika jkunu stabbiliti b'mod standardizzat u jkunu msaħħa, safejn ikun possibbli, b'mekkaniżmi ta' awditjar.

5. Fl-interess tat-trasparenza, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, fejn ikun xieraq, tiżvela pubblikament il-valutazzjoni tagħha tal-kwalità tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-istatistika Ewropea bħala parti mill-eżerċizzju ta' rappurtar u monitoraġġ tal-konformità.

6. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tqis kif għandha tagħmel il-pubblikazzjonijiet tagħha, partikolarment dawk aċċessibbli permezz tal-websajt tagħha, aktar faċli biex jintużaw għal dawk li mhumiex professjonisti u għandha tippermetti aċċess faċli għal sensiliet ta' data kompluta u għandha tinkludi grafiki komparattivi li jinftiehmu faċilment ħalli ċ-ċittadini jingħataw aktar valur miżjud. L-aġġornamenti perjodiċi tal-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jipprovdu, fejn ikun possibbli, informazzjoni dwar kull Stat Membru u għandhom joffru sensiliet ta' data annwali, ta' kull xahar u fit-tul, fejn ikun xieraq, u fejn il-benefiċċji jkunu akbar mill-ispejjeż tal-ġbir.

*Artikolu 6*

**Stabbiliment tal-prijoritajiet statistiċi**

1. Il-programm għandu jiżgura inizjattivi statistiċi li fuqhom ikunu msejsal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki attwali tal-Unjoni u għandhom jipprovdu appoġġ statistiku għal rekwiżiti importanti li jirriżultaw minn inizjattivi politiċi ġodda tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha, fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma annwali msemmija fl-Artikolu 9, tiżgura stabbiliment xieraq ta' prijoritajiet u rieżami annwali tal-prijoritajiet statistiċi kif ukoll rapport dwarhom. Il-programmi ta' ħidma annwali b'hekk se jgħinu biex jiġi żgurat li l-istatistika Ewropea tkun tista' tiġi prodotta fil-limiti tar-riżorsi disponibbli fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni. Il-prijoritizzazzjoni għandha tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piżijiet għar-rekwiżiti statistiċi ġodda billi tnaqqas ir-rekwiżiti statistiċi f'setturi eżistenti ta' statistika Ewropea u għandha tkun segwita f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strumenti biex jiġu rieżaminati annwalment il-prijoritajiet tal-attivitajiet statistiċi biex jingħata kontribut għat-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piżijiet fuq il-fornituri tad-data u l-produtturi tal-istatistika.

4. Meta jiġu proposti azzjonijiet ġodda jew jiddaħħlu reviżjonijiet estensivi ta' statistiki eżistenti, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq tali azzjonijiet jew reviżjonijiet u tipprovdi informazzjoni b'kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri dwar il-piż tar-rispons u l-ispejjeż tal-produzzjoni skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

*Artikolu 7*

**Finanzjament**

1. Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm għall-2013 qiegħed jiġi stabbilit f'EUR 57,3 miljun, koperti mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007 sal-2013.

2. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ("il-QFP 2014 sa 2020"), il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġislattiva li ddaħħal l-allokazzjoni finanzjarja għall-perjodu 2014 sa 2017.

3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni skont ir-Regolament Finanzjarju.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha dwar l-approprjazzjonijiet annwali f'konformità mal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja.

*Artikolu 8*

**Assistenza amministrattiva u teknika**

L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm tista' tkopri l-ispejjeż li jagħmlu parti mill-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-ilħiq tal-għanijiet tiegħu; b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, spejjeż konnessi mar-rimborż ta' esperti tal-istatistika, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, spejjeż konnessi man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħra kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva magħmula mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm. L-allokazzjoni tista' tkopri wkoll l-assistenza teknika u l-għarfien espert forniti lill-Istati Membri li ma jistgħux jipproduċu ċerta statistika Ewropea jew statistika tal-kwalità meħtieġa minħabba ċirkostanzi speċifiċi.

*Artikolu 9*

**Programmi ta' ħidma annwali**

Sabiex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali li għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u li għandhom jistabbilixxu l-għanijiet li għandhom jintlaħqu minnhom u r-riżultati mistennija, b'konformità mal-objettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) ta' dan ir-Regolament. Kull programm ta' ħidma annwali għandu jiġi kkomunikat lill-Parlament Ewropew għal skopijiet ta' informazzjoni.

*Artikolu 10*

**Tipi ta' interventi**

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji min-naħa tal-Unjoni jistgħu jieħdu l-forma ta' għotjiet, ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku jew kwalunkwe intervent ieħor meħtieġ għall-finijiet li jintlaħqu l-għanijiet ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2).

*Artikolu 11*

**Azzjonijiet eliġibbli**

1. Kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-Unjoni għandha tappoġġja l-azzjonijiet għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea għall-finijiet li jintlaħqu l-għanijiet ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2). Għandha tingħata prijorità lill-azzjonijiet b'valur miżjud għoli għall-Unjoni skont l-Artikolu 2.

2. Kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ tan-netwerks kollaborattivi, kif imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, tista' tingħata f'forma ta' għotjiet għal azzjoni u tkopri sa 95 % tal-ispejjeż eliġibbli.

3. Fejn jkun xieraq, jistgħu jingħataw għotjiet li ma jaqbżux il-50 % tal-ispejjeż eleġibbli għall-funzjonament ta' organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(3).

4. Bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż magħmula mill-Istati Membri fit-twettiq ta' azzjonijiet ibbażati fuq il-ġbir ta' data, tista' titħallas somma f'daqqa għal kull sett ta' data, li għalih riżultati kompleti għandhom jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni, sakemm jintlaħaq livell limitu definit għal kull ġbir ta' data. L-ammont tas-somma f'daqqa għandu jiġi definit mill-Kummissjoni billi tiġi kkunsidrata kif xieraq il-kumplessità tal-ġbir tad-data.

*Artikolu 12*

**Benefiċjarji eliġibbli għal għotjiet**

1. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(1) tar-Regolament Finanzjarju, l-għotjiet lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika identifikati fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għal proposti.

2. In-netwerks kollaborattivi jistgħu jinvolvu l-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 1 u lil korpi oħra mingħajr sejħa għall-proposti skont l-Artikolu 128(1) ir-Regolament Finanzjarju.

3. L-għotjiet għall-operat imsemmija fl-Artikolu 11(3) jistgħu jingħataw lill-organizzazzjonijiet li jissodisfaw iż-żewġ kriterji li ġejjin:

(a) ma jkunux jagħmlu profitt, ikunu independenti mill-industrija u mill-interessi kummerċjali jew tan-negozju jew interessi kunfliġġenti oħra, u jkollhom bħala għanijiet u attivitajiet prinċipali tagħhom, il-promozzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi tal-Prattika u l-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea li jimmiraw lejn żieda fl-effiċjenza u titjib fil-kwalità, fil-livell tal-Unjoni; u

(b) ikunu taw rendikont sodisfaċenti lill-Kummissjoni tas-sħubija tagħhom, tar-regoli interni u s-sorsi ta' finanzjament.

*Artikolu 13*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki konsistenti u effikaċi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn ikun xieraq, permezz ta' penalitajiet effikaċi, proporzjonati u ta' deterrent.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom u l-kompetenza ta' awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-għotja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew finanzjament fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu, fejn ikun xieraq, iwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi li jkunu kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra [1] bl-għan li jiġi stabbilit jekk ikunux twettqu frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja, deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament.

Mingħajr ħsara għall-ewwel u t-tieni sottoparagrafi, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ftehimiet ta' għotja, id-deċiżjonijiet ta' għotja u l-kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom espressament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF sabiex iwettqu awditjar, verifiki fuq il-post u spezzjonijiet bħal dawn.

*Artikolu 14*

**Parteċipazzjoni fil-programm minn pajjiżi terzi**

Il-parteċipazzjoni fil-programm għandha tkun miftuħa għal:

(a) il-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

(b) l-Isvizzera, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim tas-26 ta' Ottubru 2004 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika [2]; u

(c) il-pajjiżi li għalihom tapplika l-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-pajjiżi li applikaw għal sħubija fl-Unjoni, il-pajjiżi kandidati u dawk aderenti, u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet bilaterali jew multilaterali rispettivi ma' dawk il-pajjiżi li jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni.

*Artikolu 15*

**Evalwazzjoni u rieżami tal-programm**

1. Il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-KSSE, tissottometti rapport ta' progress intermedju dwar l-implimentazzjoni tal-Programm lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sat-30 ta' Ġunju tal-2015.

2. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport ta' progress intermedju msemmi fil-paragrafu 1 u wara li tkun ikkonsultat lill-KSSE, tista' tressaq proposta għall-estensjoni tal-programm għall-perijodu mill-2018 sal-2020 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, filwaqt li tikkonforma mal-QFP 2014 sa 2020.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjonji, wara konsultazzjoni mal-KSSE u mal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, għandha tissottometti rapport ta' evalwazzjoni finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Jannar 2013.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | L. CREIGHTON |

[1] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[2] ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2.

*ANNESS*

**Infrastruttura statistika u għanijiet tal-programm statistiku Ewropew tal-2013 sal-2017**

## Introduzzjoni

L-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni tirrikjedi informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, kumparabbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali fl-Unjoni u l-komponenti tagħha f'livell nazzjonali u reġjonali. L-istatistika Ewropea hija indispensabbli wkoll għall-Ewropa, billi tippermetti lill-pubbliku ġenerali u liċ-ċittadini jifhmu kif ukoll jieħdu sehem fil-proċess demokratiku u jiddibattu dwar il-preżent u l-futur tal-Unjoni.

Il-programm statistiku Ewropew jipprovdi l-qafas leġislattiv għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea matul il-perjodu 2013 sa 2017.

L-istatistika Ewropea tiġi żviluppata, prodotta u mxerrda taħt il-qafas leġislattiv permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib u kkoordinata fis-Sistema Statistika Ewropea (ESS).

L-istatistika żviluppata, prodotta u mxerrda taħt il-programm statistiku Ewropew 2013 sa 2017 ("il-programm") tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, kif rifless fit-TFUE u Ewropa 2020 u l-Inizjattivi Ewlenin rispettivi tagħha u ta' kwalunkwe politika oħra stabbilita fil-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni.

Billi l-programm huwa programm multiannwali li jkopri perjodu ta' ħames snin u s-SSE għandha l-għan li tkun u żżomm ir-rwol tagħha bħala attur ewlieni fil-qasam statistiku, il-programm huwa ambizzjuż f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni u għanijiet, iżda l-implimentazzjoni tal-programm se ssegwi approċċ ta' pass wara pass. L-iżvilupp ta' mekkaniżmu effikaċi għall-istabbiliment tal-prijoritajiet u għas-simplifikazzjoni se jkun għan tal-programm.

## Infrastruttura statistika

Il-programm se jistinka biex jistabbilixxi infrastruttura ta' informazzjoni statistika. Din l-informazzjoni għandha titħejja għall-użu wiesa' u intensiv ta' applikazzjonijiet varji.

It-tfassil tal-politika huwa l-mutur tad-deċiżjonijiet sabiex tiġi prodotta statistika Ewropea. Madankollu, din l-istatistika għandha tkun disponibbli u tkun faċilment aċċessibbli wkoll għal dawk l-oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet, ir-riċerkaturi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali billi huma jikkostitwixxu beni pubbliku u jitħallsu miċ-ċittadini u n-negozji Ewropej, li għandhom jibbenefikaw bl-istess mod mis-servizzi pprovduti. Sabiex l-infrastruttura tilħaq l-għan tar-rwol tagħha għandha titfassal skont qafas kunċettwali sod, li, min-naħa waħda, jiżgura l-adattezza għal firxa ta' għanijiet u, min-naħa l-oħra, jippermetti adattament flessibbli għall-ħtiġijiet tal-utenti li se jevolvu fis-snin li ġejjin.

L-infrastruttura ta' informazzjoni statistika hija ppreżentata hawn taħt:

INFRASTRUTTURA TAL-INFORMAZZJONI STATISTIKA




*Didaskalija*

Data: informazzjoni kkompilata minn awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, abbażi ta' attivitajiet statistiċi tradizzjonali (stħarriġ ta' kampjuni, ċensimenti, eċċ.) u data minn sorsi oħra, li tintuża mill-ġdid għal finijiet statistiċi. Din l-informazzjoni titfassal apposta sabiex isservi għall-ħtiġijiet f'oqsma speċifiċi ta' politika, pereżempju s-suq tax-xogħol, il-migrazzjoni jew l-agrikoltura.

It-terminu jinkludi wkoll id-data miġbura għal finijiet amministrattivi iżda użata minn awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għal finijiet statistiċi (is-soltu msejħa bħala data minn sorsi amministrattivi).

Sistemi ta' kontabilità: kontijiet koerenti u integrati, karti tal-bilanċ u tabelli bbażati fuq grupp ta' regoli li dwarhom ikun intlaħaq ftehim internazzjonali. Qafas ta' kontabilità jiżgura profil għoli ta' konsistenza u komparabbiltà; id-data statistika tista' tiġi kkumpilata u ppreżentata f'format li jitfassal għall-finijiet ta' analiżi u t-tfassil ta' politika.

Indikaturi: indikatur huwa miżura sommarja relatata ma' kwistjoni jew fenomenu ewlenin u li joriġinaw minn serje ta' fatti osservati. L-indikaturi jistgħu jintużaw sabiex jiżvelaw pożizzjonijiet relattivi jew juru tibdil pożittiv jew negattiv. Ġeneralment, l-indikaturi huma input dirett fil-politiki tal-Unjoni u dawk globali. Fl-oqsma strateġiċi ta' politika huma importanti sabiex jitwaqqfu miri u jiġi mmonitorjat l-ilħiq tagħhom.

F'din l-iskema globali, il-programm se jiddistingwi wkoll bejn tliet kolonni ta' informazzjoni statistika: In-Negozju; l-Ewropa tal-Persuni; u Statistika Ġeospazjali, Ambjentali, Agrikola u Statistika Settorjali Oħra.

Il-politiki tal-Unjoni u dawk globali rilevanti huma l-istrumenti li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-istatistika li għaliha se jirreaġixxi l-programm permezz tal-istruttura mfassla mill-ġdid u l-proċessi korrispondenti ta' produzzjoni. Għalhekk, kull politika individwali tal-Unjoni u kull politika globali tiġi riflessa fil-komponenti differenti tal-infrastruttura statistika u koperta minn attivitajiet speċifiċi fil-programm. Il-politiki ġodda li jiġu identifikati fis-snin li ġejjin se jiġu koperti bit-twaqqif ta' mogħdijiet ta' derivazzjoni ġodda ta' indikaturi/kontijiet ibbażati fuq id-data statistika prodotta fit-tliet kolonni.

INFORMAZZJONI STATISTIKA – STRUTTURA U DINAMIKI




**Għanijiet**

L-għan ġenerali tal-programm huwa li s-SSE tibqa' l-fornitur ewlieni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa.

Meta jitqiesu r-riżorsi disponibbli kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni u l-piż tar-rispons, l-għanijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jintlaħqu fl-azzjonijiet statistiċi mwettqa għall-implimentazzjoni tal-programm:

— Għan 1: jipprovdi informazzjoni statistika b'mod li jkun f'waqtu għall-appoġġ tal-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni li jirriflettu tajjeb il-prijoritajiet filwaqt li jżomm bilanċ bejn l-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali u jaqdi l-ħtiġijiet tal-firxa wiesgħa ta' utenti tal-istatistika Ewropea, inklużi entitajiet oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi, negozji u ċittadini Ewropej b'mod ġenerali, b'mod effiċjenti meta mqabbel mal-ispiża, mingħajr duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-isforzi;

— Għan 2: jimplimenta metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea bil-mira li jkun hemm gwadann fl-effiċjenza u titjib tal-kwalità;

— Għan 3: isaħħaħ is-sħubija fis-SSE u lil hinn minnha sabiex tittejjeb iżjed il-produttività tagħha u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha; u

— Għan 4: jiżgura li din l-istatistika tibqa' titwettaq b'mod konsistenti tul il-perjodu kollu tal-programm, sakemm dan ma jinterferixxix mal-mekkaniżmi ta' twaqqif ta' prijoritajiet tas-SSE.

Dawk l-għanijiet speċifiċi huma maqsuma fl-oqsma prijoritarji differenti deskritti hawn taħt. L-Għanijiet 1 u 4 huma kopert bi "I. Riżultati statistiċi", l-Għan 2 bi "II. Metodi ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea" u l-Għan 3 bi "III. Sħubija".

## I. RIŻULTATI STATISTIĊI

### 1. Indikaturi

#### 1.1. *Ewropa 2020*

L-approvazzjoni ta' Ewropa 2020 mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010 tat forma fil-parti l-kbira lill-aġenda strateġika għall-Unjoni u l-politiki nazzjonali fis-snin li ġejjin. Dik l-aġenda tistabbilixxi numru ta' miri ewlenin u inizjattivi ewlenin li għalihom ikunu jridu jinkisbu indikaturi tal-istatistika mis-SSE f'numru ta' oqsma (jiġifieri t-titjib tal-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-promozzjoni tal-impjiegi, l-ilħiq tal-għanijiet rigward it-tibdil fil-klima u dawk tal-enerġija tal-Unjoni, l-effiċjenza tar-riżorsi, it-titjib tal-livelli ta' edukazzjoni, inkluż il-mobilità tat-tagħlim, it-tixjiħ attiv u b'saħħtu, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali permezz tat-tnaqqis tal-faqar).

G ħ a n 1 . 1 . 1

Il-provvista ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, li għandha tkun disponibbli b'mod li jkun f'waqtu u sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' Ewropa 2020. L-indikaturi l-ġodda għandhom, safejn possibbli, ikunu bbażati fuq data statistika disponibbli.

L-għan se jiġi implimentat permezz tad-disponibilità ta':

— indikaturi ta' mira ewlenin aġġornati għall-Ewropa 2020 (fil-qasam tal-impjiegi, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, l-enerġija/it-tibdil fil-klima, l-edukazzjoni, l-ambjent, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali u l-faqar) disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni (Eurostat);

— statistika disponibbli għall-appoġġ tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020;

— indikaturi addizzjonali bħala input għall-evalwazzjonijiet ex ante u ex post ta' kwalunkwepolitika ekonomika, soċjali u ambjentali tal-Unjoni; u

— indikaturi dwar l-impjiegi li jiddistingwu bejn xogħol part-time u xogħol full-time, kif ukoll indikaturi dwar il-qgħad li jieħdu inkonsiderazzjoni l-persuni f'politiki ta' attivazzjoni bħat-taħriġ.

#### 1.2. *Governanza Ekonomika*

Il-kriżi u t-tensjonijiet fis-swieq finanzjarji enfasizzaw il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika tal-Unjoni. Diġà ttieħdu passi deċiżivi fil-governanza u l-koordinazzjoni ekonomika mill-Unjoni, u xi wħud minnhom se jkollhom implikazzjonijiet statistiċi kbar minbarra l-attivitajiet ta' statistika li għaddejjin.

G ħ a n 1 . 2 . 1

L-iżvilupp ta' informazzjoni statistika ġdida u t-titjib ta' dik eżistenti rilevanti għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-pubbliku ġenerali b'konnessjoni mal-governanza ekonomika msaħħa u integrata tal-Unjoni u ċ-ċiklu tas-sorveljanza li jintegra l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-politika ekonomika.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-għoti ta' input statistiku għat-tabella ta' valutazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u l-analiżi sottostanti;

— l-għoti ta' input statistiku għal Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir imtejjeb immirat b'mod speċifiku lejn il-produzzjoni u l-provvediment ta' statistika ta' kwalità għolja dwar id-dejn pubbliku;

— l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' grupp ta' indikaturi għat-tkejjil tal-kompetittività; u

— l-implimentazzjoni ta' ġestjoni tal-kwalità soda fil-katina tal-produzzjoni, li tkopri wkoll id-data tal-finanzi pubbliċi upstream u l-flussi tax-xogħol sottostanti fl-Istati Membri.

G ħ a n 1 . 2 . 2

li l-persuni Ewropej li jieħdu d-deċiżjonijiet jiġu pprovduti bi statistika u indikaturi affidabbli għal finijiet amministrattivi u regolatorji u għall-monitoraġġ tal-impenji speċifiċi tal-politika tal-Unjoni.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— id-definizzjoni tal-ambitu tal-istatistika għal finijiet amministrattivi u regolatorji definiti u li dwarha jkun intlaħaq ftehim mal-utenti; u

— id-definizzjoni, skont kif ikun f'loku, l-implimentazzjoni u l-ispjegazzjoni ta' qafas sod tal-ġestjoni tal-kwalità għal dawk l-indikaturi.

1.3. *Globalizzazzjoni Ekonomika*

L-effetti soċjali u ekonomiċi u l-effetti l-oħrajn tal-kriżi finanzjarja, iż-żieda fil-flussi transkonfinali u l-frammentazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni enfasizzaw il-ħtieġa għal qafas iżjed koerenti u kejl aħjar tal-produzzjoni globalizzata.

Għan 1.3.1

It-titjib tal-indikaturi u l-informazzjoni statistika disponibbli dwar il-globalizzazzjoni ekonomika u l-katini ta' valur globali għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-pubbliku b'mod ġenerali.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-aġġornament ta' indikaturi eżistenti dwar il-globalizzazzjoni ekonomika disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni (Eurostat);

— l-iżvilupp ta' indikaturi ġodda dwar il-katini ta' valur globali, inklużi l-flussi tar-riżorsi naturali u d-dipendenza fuqhom;

— l-analiżi tal-katini ta' valur globali, possibilment permezz ta' tabelli xierqa ta' input/riżultati, u l-istatistika dwar il-kummerċ u n-negozju barranin, inkluż il-ħolqien ta' konnessjonijiet ta' mikrodata; u

— l-eżami tal-ħtieġa ta' riforma tal-kalkolu u l-allokazzjoni ta' servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja.

2. **Oqfsa ta' kontabilità**

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Awwissu 2009, bl-isem "Il-PDG u lil hinn: Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel" u l-pubblikazzjoni tar-Rapport Stiglitz-Sen-Fitoussi dwar il-Kejl tal-Prestazzjoni ekonomika u l-Progress Soċjali taw impetu ġdid lill-isfida ewlenija għas-SSE, prinċipalment kif tista' tinkiseb statistika aħjar dwar kwistjonijiet trażversali u statistika iżjed integrata sabiex jiġu deskritti fenomeni soċjali, ambjentali u ekonomiċi kumplessi lil hinn mill-miżuri tradizzjonali tar-riżultati ekonomiċi. Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali (SEK) toffri qafas integrat u konsistenti għall-istatistika ekonomika kollha li għandha tiġi kkumplimentata minn indikaturi oħra sabiex tingħata informazzjoni iżjed komprensiva għat-tfassil tal-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet.

2.1. *Prestazzjoni ekonomika u soċjali*

Il-kriżi ekonomika saħħet il-ħtieġa li jkun hemm grupp ta' indikaturi makroekonomiċi ta' kwalità għolja sabiex jiġu mifhuma u analizzati aħjar iċ-ċaqliq ekonomiku u l-effetti tiegħu fuq is-soċjetà, u b'hekk jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Minħabba l-produzzjoni li dejjem qiegħda ssir iżjed globalizzata, jeħtieġ li jiġi żviluppat qafas konsistenti li jiffaċilita l-interpretazzjoni u l-integrazzjoni tal-istatistika minn sferi differenti.

Għan 2.1.1

Il-kejl tal-prestazzjoni ekonomika jiġi ssupplimentat b'dimensjonijiet differenti tal-globalizzazzjoni, il-kwalità tal-ħajja, l-aċċess għall-beni u għas-servizzi, is-sostenibbiltà ambjentali, is-saħħa, il-benesseri, il-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. L-iżvilupp ta' qafas għall-analiżi tal-produzzjoni globalizzata.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-implimentazzjoni u l-kompilazzjoni ta' kontijiet nazzjonali ta' kull sena u ta' kull tliet xhur, kif ukoll kontijiet reġjonali annwali skont is-SEK;

— il-produzzjoni ta' indikaturi dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu u tal-konsum fost l-unitajiet domestiċi (permezz tar-rikonċiljazzjoni tal-aggregati tal-kontijiet nazzjonali mad-data tal-istħarriġ tal-unitajiet domestiċi jew id-data amministrattiva);

— il-kompilazzjoni ta' statistika puntwali u ta' kwalità għolja dwar il-prezzijiet, prinċipalment l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur;

— l-iżvilupp ta' kontijiet satellita għal oqsma ġodda;

— il-ħolqien ta' bażi ta' data għall-kejl tat-tkabbir u l-produttività, b'kunsiderazzjoni tal-bidliet fil-produttività fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat;

— l-iżvilupp ta' qafas kunċettwali għall-analiżi tal-produzzjoni globalizzata;

— l-iżvilupp ta' qafas kunċettwali għall-kejl tal-kwalità tal-ħajja u l-benessri; u

— l-allinjament tal-kontabilità u l-kunċetti statistiċi korrispondenti safejn ikun possibbli.

Għan 2.1.2

Il-provvista ta' indikaturi makroekonomiċi u soċjali ewlenin u Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP) bħala grupp koerenti ta' indikaturi li jindirizzaw ir-rekwiżiti tad-data statistika tal-Unjoni u dik globali u jaġġustaw l-IEEP sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-utenti.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-iżvilupp ikkoordinat tat-tabelli tal-indikaturi ewlenin makroekonomiċi, soċjali u tal-iżvilupp sostenibbli;

— id-disponibilità ta' metodoloġija armonizzata għal indikaturi makroekonomiċi u soċjali ewlenin u l-IEEP;

— it-titjib tal-komparabbiltà internazzjonali tal-indikaturi;

— il-forniment ta' għodod imtejba għall-faċilitazzjoni tal-interpretazzjoni u l-komunikazzjoni tal-indikaturi; u

— id-disponibilità ta' statistika armonizzata dwar id-djar u statistika relatata għall-Istati Membri kollha.

2.2. *Sostenibbiltà ambjentali*

Il-ħarsien, il-preservazzjoni u t-titjib tal-ambjent għall-ġenerazzjonijiet tal-preżent u dawk tal-futur, kif ukoll il-ġlieda kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima, għandhom post għoli ħafna fl-aġenda Ewropea u huma għanijiet tat-Trattati. Il-politika effiċjenti f'dawn l-isferi teħtieġ informazzjoni statistika f'ħafna oqsma.

Għan 2.2.1

Il-provvista ta' kontijiet ambjentali, u statistika dwar it-tibdil fil-klima, b'kunsiderazzjoni tal-iżviluppi internazzjonali f'dan il-qasam.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-iżvilupp ta' sistema koerenti ta' kontijiet ambjentali bħala "kontijiet satellita" tal-kontijiet nazzjonali ewlenin, li tipprovdi informazzjoni dwar l-emissjonijiet atmosferiċi, il-konsum tal-enerġija, il-flussi u r-riżervi ta' riżorsi naturali materjali u l-ilma, il-kummerċ fil-materja prima bażika u dik kritika, it-tassazzjoni ambjentali u l-infiq fuq il-protezzjoni ambjentali, possibilment bl-inklużjoni tat-tkabbir/akkwist ekoloġiku;

— it-titjib, l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' indikaturi li juru pressjonijiet sekondarji, impatti tat-tibdil fil-klima, inkluż fuq is-saħħa, il-vulnerabbiltajiet u l-progress tal-adattament; u

— l-iżvilupp ta' indikatur ewlieni li jkejjel il-pressjoni ambjentali globali.

3. **Data**

3.1. *Negozju*

Numru kbir ta' politiki tal-Unjoni qegħdin jiffukaw fuq impriżi Ewropej. Barra dan, huma responsabbli għall-għoti ta' data bażika. Fid-dawl ta' dan, hawn domanda kbira għal statistika kummerċjali f'sens wiesa' sabiex jiġi appoġġjat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet iżda wkoll sabiex iċ-ċittadini u n-negozji Ewropej jifhmu l-impatt ta' dawn il-politiki li jiddifferenzjaw bejn l-impriżi l-kbar, mid-caps u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju li fir-rigward tagħhom tiker il-ħtieġa għal statistika dettaljata u armonizzata. Fl-istess ħin hemm ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tar-rapportar.

Għan 3.1.1

Żieda tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċessi ta' produzzjoni tal-istatistika. Il-provvista ta' statistika ta' kwalità għolja dwar oqsma ewlenin fejn l-impriżi huma ċ-ċentru tal-interess, bħal statistika kummerċjali, indikaturi ta' perjodu qasir, l-investiment tagħhom fil-kapital u l-ħiliet umani, it-tranżazzjonijiet internazzjonali, il-globalizzazzjoni, il-monitoraġġ tas-suq intern, l-R&D u l-innovazzjoni, u t-turiżmu. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għad-disponibbiltà ta' data f'setturi industrijali u tas-servizzi ta' valur miżjud għoli, b'mod partikolari fl-ekonomija ekoloġika, diġitali jew soċjali (bħas-saħħa u l-edukazzjoni).

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-użu mill-ġdid ta' data disponibbli fis-sistema statistika jew fis-soċjetà, u l-produzzjoni ta' infrastruttura komuni u għodod komuni;

— l-għoti ta' informazzjoni statistika u indikaturi dwar negozji fuq bażi annwali u infra-annwali;

— l-għoti ta' informazzjoni statistika li tiddeskrivi l-pożizzjoni tal-Ewropa fid-dinja u r-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-bqija tad-dinja;

— l-għoti ta' informazzjoni statistika għall-analiżi ta' katini ta' valur globali u l-iżvilupp ta' Reġistru tal-Grupp tal-Euro bħala s-sinsla għall-ġbir ta' informazzjoni minn sfera għall-oħra dwar il-globalizzazzjoni;

— l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-ġbir tal-istatistika għall-kummerċ f'merkanzija u l-kummerċ f'servizzi b'disponibbiltà mtejba ta' data dwar servizzi u azzjonijiet sabiex tiġi bbilanċjata mill-ġdid l-informazzjoni statistika dwar is-servizzi u l-beni;

— l-iżvilupp ta' għodod ta' monitoraġġ tas-suq intern, bħall-għodda għall-monitoraġġ tal-prezz tal-ikel u l-indikaturi relatati;

— l-għoti ta' statistika dwar oqsma ewlenin tal-innovazzjoni u l-prestazzjoni tal-R&D permezz ta' użu estiż ta' reġistri tal-privattivi u riċerka estiża u użu statistiku ta' mikrodata individwali;

— l-għoti ta' statistika dwar il-provvista u d-domanda tat-turiżmu permezz ta' ġbir ottimizzat ta' data u data integrata aħjar mit-turiżmu ma' sferi oħra; u

— l-għoti ta' statistika dwar l-użu tar-riżorsi u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi abbażi, safejn ikun possibbli, ta' ġabriet ta' data eżistenti.

3.2. *L-ewropa tal-persuni*

Iċ-ċittadini Ewropej huma fil-qalba tal-politiki tal-Unjoni. Konsegwentement, hawn domanda kbira għall-istatistika soċjali fis-sens wiesa' sabiex jiġi appoġġjat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u jiġi mmonitorjat l-eżitu tal-politiki soċjali, iżda wkoll sabiex iċ-ċittadini Ewropej jiġu megħjuna jevalwaw l-impatt ta' dawn il-politiki fuq ħajjithom u fuq il-benessri tagħhom.

Għan 3.2.1

Il-provvista ta' statistika dwar oqsma ewlenin ta' politika soċjali fejn iċ-ċittadin ikun iċ-ċentru tal-interess, bħall-benessri, is-sostenibbiltà, il-koeżjoni soċjali, il-faqar, l-inugwaljanzi, l-isfidi demografiċi (b'mod partikolari t-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni), is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-edukazzjoni tul it-tfulija, it-tagħlim tal-adulti, it-taħriġ vokazzjonali u l-mobilità tat-tagħlim taż-żgħażagħ, il-kultura, l-attività fiżika, il-kwalità tal-ħajja, is-sikurezza, is-saħħa, id-diżabbiltà, il-konsum, il-moviment ħieles u s-suq intern, il-mobilità taż-żgħażagħ, l-innovazzjoni teknoloġika u għażliet ta' stili ġodda ta' ħajja. Dik l-istatistika għandha tiġi diżaggregata skont il-ġeneru fejn ikun xieraq, għal gruppi li jkunu ta'interess speċjali għal dawk li jfasslu l-politiki soċjali. Il-prijoritajiet għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 6.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— it-tħaddim ta' infrastruttura bażika kkonsolidata għall-Istatistika Soċjali Ewropea, inklużi stħarriġ u l-ġbir ta' data bbażat fuq l-amministrazzjoni u sett komuni ta' varjanti ewlenin;

— l-iżvilupp ta' servejs soċjali ewlenin li jipprovdu data (inkluż mikrodata) dwar persuni u unitajiet domestiċi simplifikata u kkumplimentata b'ġabriet addizzjonali u inqas frekwenti ta' data;

— l-iżvilupp ta' statistika pprovduta dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi razzjonalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti;

— il-provvista ta' statistika dwar l-inugwaljanzi tal-introjtu, li tipprovdi indikatur ewlieni nazzjonali paragunabbli, kif ukoll data dwar l-inugwaljanzi tal-aċċess għal beni u servizzi bażiċi;

— ħidma metodoloġika statistika dwar l-attività fiżika u l-kultura;

— il-provvista ta' statistika dwar is-sigurtà mill-kriminalità; is-saħħa, kif maqbul skont ir-Regolament qafas (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol ([1]); u d-diżabbiltà;

— l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-programm ta' ħidma dwar l-integrazzjoni tal-istatistika dwar il-migrazzjoni;

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.

— il-forniment ta' indikaturi tal-kwalità tal-ħajja sabiex jitkejjel il-progress tas-soċjetajiet; u

— il-bidu tal-preparazzjonijiet tar-rawnd li jmiss taċ-ċensiment (skedat għall-2021).

3.3. *Statistika ġeospazjali, ambjentali, agrikola u statistika settorjali oħra*

Il-kombinazzjoni ta' statistika ma' data b'referenzi spazjali u analiżi ġeospazjali se toffri opportunitajiet ġodda li s-SSE se tkompli tesplora. Jeħtieġ li kwistjonijiet speċifiċi, bħall-kunfidenzjalità u l-validità statistika ta' stimi ta' erjas żgħar, jingħataw attenzjoni partikolari.

L-istatistika dwar l-enerġija u t-trasport għall-appoġġ ta' Ewropa 2020 u l-politika dwar it-tibdil fil-klima se jkunu ta' importanza kbira fil-futur.

L-agrikoltura se tibqa' aspett importanti fost il-politiki tal-Unjoni matul l-2013-2017. Ix-xogħol statistiku se jiġi influwenzat b'mod qawwi mir-riżultat tar-riflessjoni dwar il-Politika Agrikola Komuni wara l-2013. Se jsir iffukar fuq dimensjonijiet ambjentali, dawk relatati mal-bijodiversità/ekosistema, dawk ekonomiċi, tas-saħħa u s-sikurezza tal-bnedmin u dawk soċjali.

Għan 3.3.1

L-appoġġ tat-tfassil ta' politika abbażi tal-evidenza b'użu iżjed flessibbli u użu akbar ta' informazzjoni spazjali kkombinata ma' informazzjoni statistika soċjali, ekonomika u ambjentali.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-iżvilupp ulterjuri, il-manutenzjoni u t-tħaddim tal-Infrastruttura għall-Informazzjoni Spazjali fil-Komunità Ewropea (INSPIRE), stabbilita bid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropw u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari permezz tal-ġeoportal tal-Unjoni;

— id-disponibbiltà ta' firxa ta' informazzjoni ġeografika permezz ta' kooperazzjoni mal-programmi tal-Unjoni għall-istħarriġ dwar l-użu tal-art u t-telerilevament; u

— l-integrazzjoni ta' data statistika meta tkun rilevanti, u b'hekk tinħoloq infrastruttura flessibbli ta' ħafna sorsi għall-għoti ta' analiżi spazjotemporali mmirata.

Għan 3.3.2

Il-provvista ta' statistika ambjentali għall-appoġġ tal-proċess tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— Grupp ta' statistika ambjentali ewlenija dwar riżorsi, bħal dawk dwar l-iskart u r-riċiklaġġ, l-ilma, id-depożiti tal-materji primi, is-servizzi tal-ekosistemi u l-bijodiversità fuq livell nazzjonali u, fejn possibbli, dak reġjonali, u grupp ta' statistika ewlenija relatata mat-tibdil fil-klima għall-appoġġ tal-azzjonijiet u l-politiki ta' mitigazzjoni u adattament fil-livelli rilevanti kollha, minn dak lokali għal-livell tal-Unjoni.

Għan 3.3.3

Il-provvista ta' statistika dwar l-enerġija u t-trasport għall-appoġġ tal-politiki tal-Unjoni.

L-għan se jiġi implimentat permezz tal-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika dwar:

— l-enerġija rinnovabbli;

— it-tnaqqis fil-konsum enerġetiku/l-effiċjenza enerġetika; u

— is-sikurezza tat-trasport, il-mobilità tal-passiġġieri, il-kejl tat-traffiku fit-toroq u t-trasport intermodali tal-merkanzija.

Għan 3.3.4

Il-provvista ta' statistika dwar l-agrikoltura, l-industrija tas-sajd u l-foresterija għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-Politiki Komuni dwar l-Agrikoltura u s-Sajd, b'riflessjoni ta' għanijiet strateġiċi Ewropej ewlenin relatati mas-sostenibbiltà kif ukoll l-iżvilupp rurali bit-twettiq ta' attivitajiet regolari relatati mal-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika.

([1]) ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-analiżi u s-simplifikazzjoni tal-ġbir ta' data dwar l-agrikoltura b'konformità mal-analiżi tal-Politika Agrikola Komuni ta' wara l-2013;

— it-tfassil mill-ġdid ta' proċessi tal-ġbir ta' data dwar l-agrikoltura, b'mod partikolari bl-għan li jittejbu l-kwalità u l-puntwalità tad-data mogħtija;

— l-analiżi komprensiva tas-sistema tal-ġestjoni tad-data dwar l-użu/kopertura tal-art u l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida fuq dik il-bażi;

— l-implimentazzjoni ta' sistema tal-ġbir tad-data għal infdikaturi agroambjentali koerenti, fejn possibbli abbażi ta' data eżistenti;

— il-provvista ta' analiżi statistika adegwata skont ir-reġjun; u

— l-implimentazzjoni u d-disseminazzjoni ta' ġabra ta' data ewlenija dwar il-forestrija minn Kontabilità Ambjentali u Ekonomika Integrata għall-Forestrija, bħall-erja tal-foresta, il-volum u l-valur tas-siġar wieqfa u kontijiet ekonomiċi għall-forestrija u t-tqattigħ tal-injam.

## II. **METODI TA' PRODUZZJONI TAL-ISTATISTIKA EWROPEA**

Attwalment is-SSE qiegħda tħabbat wiċċha ma' numru ta' sfidi: domanda li qiegħda tikber għal statistika ta' kwalità għolja, ħtieġa li qiegħda tikber għal statistika multidimensjonali kumplessa, atturi ġodda fis-suq tal-informazzjoni, trażżin fuq ir-riżorsi, il-ħtieġa għal iżjed tnaqqis tal-piż statistiku fuq dawk li jirrispondu kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-għodod tal-komunikazzjoni. Dan jimplika l-adattament tal-metodi ta' produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika uffiċjali Ewropea b'mod progressiv.

### 1. **Ġestjoni tal-kwalità tas-SSE**

G ħ a n 1 . 1

L-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità fis-SSE ibbażata fuq il-Kodiċi tal-Prattika,

It-tisħiħ tal-kondiviżjoni ta' prattiki tajba fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi tal-Prattika u l-iżgurar li r-rapportar ta' kwalità jkollu fil-mira tiegħu ħtiġijiet differenti tal-utenti.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ ġodda u t-tieni rawnd ta' reviżjoni reviżjoni bejn il-pari għall-valutazzjoni tal-osservanza tal-Kodiċi tal-Prattika;

— l-allinjament tal-oqfsa tal-garanzija tal-kwalità tas-SSE u tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (ESCB);

— il-qadi tal-ħtiġijiet tal-utenti għal rappurtar ta' kwalità; u

— l-istandardizzazzjoni ta' rapporti ta' kwalità f'diversi oqsma ta' statistika fil-livell tal-Unjoni.

### 2. **It-twaqqif ta' prijoritajiet u s-simplifikazzjoni**

Is-SSE qiegħda tħabbat wiċċha ma' sfida kbira: kif tipprovdi statistika Ewropea ta' kwalità għolja għas-sodisfazzjoni ta' ħtiġijiet għal statistika li dejjem qiegħda tikber f'kuntest ta' baġits tal-Istati Membri mnaqqsa b'mod sostanzjali u politika tar-riżorsi umani ta' tkabbir żero fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri li, għal xi korpi, se twassal għal tnaqqis reali fir-riżorsi umani. B'kunsiderazzjoni ta' dawn il-limiti ta' riżorsi fuq livell Ewropew u dak nazzjonali, huwa importanti li l-miżuri ta' twaqqif ta' prijoritajiet u simplifikazzjoni jissaħħu, u għal dan jeħtieġ l-impenn tas-sħab kollha tas-SSE. Ġie introdott mekkaniżmu ta' twaqqif ta' prijoritajiet bħala parti integrata tal-preparazzjoni ta' Programmi ta' Ħidma Annwali u se jiġi implimentat matul il-perjodu kollu tal-programm. Dan jinvolvi, fost affarijiet oħra, analiżi annwali tar-rekwiżiti statistiċi eżistenti, li toriġina minn inizjattivi proposti mill-Kummissjoni għat-tnaqqis tar-rekwiżiti ta' statistika b'kunsiderazzjoni tal-interessi tal-utenti, il-produtturi u r-rispondenti. Il-proċess għandu jitwettaqf'kooperazzjoni mill-qrib kemm mal-utenti kif ukoll ma' min jipproduċi l-istatistika Ewropea.

G ħ a n 2 . 1

L-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' twaqqif ta' prijoritajiet għas-SSE sabiex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar sabiex isir aġġustament għal ħtiġijiet ġodda għal statistika waqt li jiġu kkunsidrati l-limiti tal-produtturi u l-piż tar-rispons u l-ħtiġijiet tal-utenti.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— id-definizzjoni ta' prijoritajiet u l-allokazzjoni ta' riżorsi skont dawk il-prijoritajiet;

— id-definizzjoni ta' prijoritajiet għas-SSE bħala parti mill-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 9;

— il-qies tar-riżultati tal-konsultazjzonijiet tal-utenti u tal-produtturi fil-programm ta' ħidma annwali; u

— il-komunikazzjoni, lill-utenti, tal-oqsma tal-istatistika li għandhom jiġu ssimplifikati u l-ġbir ta' data li għandu jitnaqqas/jinġieb fi tmiemu.

3. **Statistika ta' ħafna għanijiet u gwadann fl-effiċjenza fil-produzzjoni**

Għan 3.1

L-implimentazzjoni gradwali, b'kont meħud tal-ispejjeż ġenerati fis-SSE mill-implimentazzjoni, ta' arkitettura ta' negozju tas-SSE li tippermetti produzzjoni iżjed integrata tal-istatistika Ewropea; l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni ta' metodi ta' produzzjoni ta' statistika u metadata; it-titjib tal-integrazzjoni orizzontali (mal-isferi statistiċi kollha) u vertikali (mal-imsieħba tas-SSE kollha) tal-proċessi ta' produzzjoni statistika fis-SSE rigward il-prinċipju tas-sussidjarjetà; l-użu u l-integrazzjoni ta' sorsi multipli ta' data; il-produzzjoni ta' statistiċi għal ħafna għanijiet. Sejra tingħata attenzjoni partikolari għal kwestjonijiet ta' kunfidenzjalità li se jqumu b'aktar użu, riutilizzazzjoni u skambju ta' mikrodata u reġistri amministrattivi.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— iktar użu ta' data amministrattiva xierqa fl-oqsma statistiċi kollha;

— l-identifikazzjoni u l-użu ta' sorsi ġodda ta' data għal statistika Ewropea;

— iżjed involviment tal-Kummissjoni (Eurostat) u ta' awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika fit-tfassil tar-rekords amministrattivi;

— użu usa' ta' tqabbil statistiku u tekniki għall-konnessjoni ta' data sabiex tiżdied l-offerta tal-istatistika Ewropea;

— l-użu tal-approċċ Ewropew għall-istatistika għal rispons ta' politika rapidu f'każijiet speċifiċi u debitament ġustifikati;

— iżjed integrazzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea permezz ta' azzjonijiet ikkoordinati tas-SSE;

— iżjed armonizzazzjoni ta' kunċetti statistiċi f'oqsma differenti tal-istatistika;

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ta' referenza flessibbli tal-IT u standards tekniċi għat-titjib tal-interoperabilità, il-kondiviżjoni ta' data u metadata, u mmudellar komuni ta' data;

— l-użu ta' għodod standard tal-IT matul il-proċessi statistiċi ta' negozju;

— l-iżvilupp ta' standards metodoloġiċi sabiex jiżdied l-użu u d-disponibbiltà ta' metodoloġiji armonizzati (inklużi approċċi ta' moduli mħallta għall-ġbir ta' data) u metadata armonizzata;

— it-tisħiħ tar-rwol tar-reġistri statistiċi ta' negozju bħala l-post fejn l-unitajiet statistiċi għall-istatistika kollha relatati man-negozju jinżammu u jintużaw bħala sors għal kontijiet nazzjonali; u

— it-titjib tal-provvista tal-metadata, jiġifieri informazzjoni ta' sfond dwar kif id-data tinġabar, il-kwalità tad-data u dwar kif id-data ssir tinftiehem aktar faċilment mill-utenti.

Għan 3.2

L-iżgurar tal-funzjonament tajjeb u l-koerenza tas-SSE permezz ta' kollaborazzjoni u komunikazzjoni effikaċi.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— appoġġ effikaċi u effiċjenti għal sħubija fis-SSE;

— id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċessi għall-kondiviżjoni tal-piżijiet u tax-xogħol fis-SSE; u

— l-iżvilupp ulterjuri ta' netwerks kollaborattivi u li dawn isiru operattivi.

4. **Tixrid u komunikazzjoni**

Għan 4.1

Li s-SSE ssir l-ewwel sors ta' data dwar l-istatistika Ewropea għall-utenti kollha u, b'mod partikolari, għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fis-settur pubbliku u dak privat, bil-provvista ta' servizz ta' informazzjoni statistika ta' kwalità bbażat fuq il-prinċipji ta' aċċess ħieles u faċli għal statistika Ewropea.

L-intesifikazzjoni u l-estensjoni tad-djalogu bejn l-utenti u l-produtturi ta' statistika sabiex jinqdew il-ħtiġijiet tal-utenti għal statistika ta' kwalità. L-involviment bikri tal-utenti fl-iżviluppi l-ġodda huwa fattur ewlieni sabiex jittejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tas-SSE.

L-estensjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-firxa ta' prodotti ta' tixrid sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-utenti li jkunu qegħdin jużaw teknoloġiji ġodda.

It-twaqqif ta' infrastruttura effiċjenti meta mqabbla mal-ispiża, integrata u sigura fi ħdan l-SSE għal aċċess għal data kunfidenzjali ta' statistika uffiċjali għall-finijiet xjentifiċi.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— ir-rikonoxximent tas-SSE bħala l-ewwel punt ta' referenza għall-utenti ta' statistika Ewropea;

— l-implimentazzjoni ta' infrastruttura sigura integrata għall-aċċess għall-mikrodata tal-Unjoni;

— l-implimentazzjoni ta' sistema li tindirizza t-talbiet tal-utenti għal aċċess immedjat u parir fl-interpretazzjoni ta' informazzjoni statistika;

— l-aġġustament ta' prodotti ta' disseminazzjoni għall-ħtiġijiet tal-utenti bl-użu ta' teknoloġiji ġodda;

— numru ikbar ta' riżultati statistiċi dwar kwistjonijiet trażversali;

— l-użu akbar ta' teknoloġiji ġodda ta' komunikazzjoni u tixrid (eż. dawk ibbażati fuq SDMX);

— offerta akbar ta' ġabriet ta' mikrodata għall-finijiet ta' riċerka statistika f' konformita' mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-kunfidenzjalita tad-data; u

— it-tħejjija ta' ġabriet tad-data biex jiffaċilitaw l-użu ta' data statistika għal finijiet edukattivi u ta' riċerka.

### 5. **Taħriġ, innovazzjoni u riċerka**

G ħ a n 5 . 1

Is-sodisfazzjon ta' ħtiġijiet ta' tagħlim u żvilupp fis-SSE bbażati fuq kombinazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ u opportunitajiet ta' tagħlim u żvilupp.

It-titjib tal-kollaborazzjoni bejn il-membri tas-SSE għat-trasferiment ta' għarfien u l-kondiviżjoni u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki u approċċi innovattivi komuni fil-produzzjoni tal-istatistika.

L-organizzazzjoni tal-attivitajiet, il-parteċipazzjoni u l-kontribuzzjoni tal-komunitajiet ta' riċerka fit-titjib tal-linji ta' produzzjoni statistika u tal-kwalità tal-informazzjoni statistika uffiċjali.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-iżvilupp ta' lawrja postgradwatorja (eż. Masters fl-Istatistika Uffiċjali);

— il-provvista ta' programmi ta' taħriġ li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-utenti u ta' ċittadini oħra;

— l-applikazzjoni usa' ta' riżultati ta' proġetti ta' riċerka dwar il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika;

— ir-rikonoxximent tas-SSE bħala punt ta' referenza għall-komunitajiet tar-riċerka statistika;

— l-involviment estensiv tal-komunitajiet ta' riċerka f'attivitajiet ta' riċerka fi statistika uffiċjali; u

— l-impliemtazzjoni ta' strumenti adegwati għall-iskambju ta' prattiki u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet komuni fis-SSE.

## III. **SĦUBIJA**

### 1. **Sħubija fis-SSE u lil hinn minnha**

Fl-ispirtu ta 'sħubija, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) huma responsabbli għall-iżvilupp, produzzjoni u tixrid ta' statistika Ewropea.

Għan 1.1

L-implimentazzjoni tal-qafas imtejjeb tal-governanza tas-SSE.

L-għan se jiġi implimentat permezz tal-implimentazzjoni tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE tas-17 ta' Settembru 2012 dwar l-Eurostat ([1]);

Għan 1.2

It-titjib tar-rwol ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni (Eurostat) bħala l-Uffiċċju Statistiku tal-Unjoni Ewropea.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-assoċjazzjoni tal-Kummissjoni (Eurostat) mal-inizjattivi kollha tal-Kummissjoni rigward l-aspetti statistiċi fi stadju bikri; u

— l-organizzazzjoni ta' djalogi regolari bejn il-partijiet interessati fl-ogħla livell ta' maniġment.

Għan 1.3

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-ESCB u mal-organizzazzjonijiet Ewropej u dawk internazzjonali involuti fil-produzzjoni ta' data għall-finijiet statistiċi jew amministrattivi permezz ta' proġetti komuni u żviluppi kkoordinati. L-iżgurar ta' konsistenza bejn l-istandards Ewropej u dawk internazzjonali.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-implimentazzjoni ta' qafas ta' kwalità komuni għas-SSE u l-ESCB;

— iktar involviment tal-Kummissjoni (Eurostat) fi gruppi konsultattivi internazzjonali;

— id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' modi ġodda ta' kooperazzjoni bil-għan li jkun żgurat li żviluppi statistiċi jkunu kkoordinati tajjeb bejn organizzazzjonijiet internazzjonali u li x-xogħol ikun allokat b'mod effiċjenti; u

— l-implimentazzjoni tal-manwali tas-Sistema tal-Kontijiet Nazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-ESA, tas-Sistema tal-Kontijiet Ambjentali u Ekonomiċi tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Kontijiet Ambjentali u Ekonomiċi Ewropej, u tal-Bilanċi tal-Pagamenti.

Għan 1.4

Il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' konsulenza statistika u ta' assistenza statistika f'pajjiżi barra l-Unjoni b'konformità mal-prijoritajiet tal-politika barranija tal-Unjoni, b'enfasi partikolari fuq it-tkabbir u l-Politika Ewropea tal-Viċinat.

L-għan se jiġi implimentat permezz ta':

— l-eżerċitar ta' rwol mexxej tas-SSE fl-arena internazzjonali;

— il-provvista ta' data ta' kwalità għall-finijiet tal-politika barranija tal-Unjoni;

— l-appoġġ għas-servizzi tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' politiki ta' żvilupp u ta' kooperazzjoni internazzjonali, fir-relazzjonijiet tagħhom ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u fi kwistjonijiet ta' interess statistiku komuni ma' reġjuni ta' pajjiżi terzi jew ma' pajjiżi terzi;

— id-disseminazzjoni ta' data statistika rilevanti għall-appoġġ tal-proċess u n-negozjati ta' tkabbir;

— il-minimizzazzjoni ta' talbiet għal derogi minn Stati Membri ġodda li jwasslu għal nuqqas ta' disponibbiltà tad-data;

— l-istabbiliment ta' ftehimiet u Memoranda ta' Ftehim ma' pajjiżi terzi;

— it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni teknika;

— assistenza teknika ffukata fuq l-armonizzazzjoni u l-provvista tad-data; u

— it-titjib ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fost il-membri tas-SSE.

([1]) ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49.

# REGOLAMENT (UE) Nru 100/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Jannar 2013

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li kien adottat bħala rispons għall-aċċident tat-tanker taż-żejt "Erika", stabbilixxa Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-"Aġenzija") sabiex ikun żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima u ta' prevenzjoni ta' tniġġis mill-bastimenti.

(2) Wara l-aċċident tat-tanker taż-żejt "Prestige" fl-2002, ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 ġie mmodifikat biex l-Aġenzija tingħata aktar kompiti fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis.

(3) Jeħtieġ li jiġi ċċarat liema tipi ta' tniġġis marin għandhom jaqgħu fi ħdan l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002. Għalhekk, it-tniġġis marin ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass għandu jitqies bħala tniġġis minn żejt jew kwalunkwe sustanza li mhix żejt li, jekk introdotta fl-ambjent marin, x'aktarx toħloq perikli għas-saħħa tal-bniedem, tagħmel ħsara lir-riżorsi ħajjin u lill-ħajja marina, tiddanneġġa kumditajiet jew tinterferixxi f'użu leġittimi oħra tal-baħar, kif stabbilit mill-Protokoll dwar l-Istat ta' Tħejjija, ir-Reazzjoni u l-Kooperazzjoni għall-Aċċidenti ta' Tniġġis minn sustanzi Perikolużi u Noċivi, 2000.

(4) Filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija (il-"Bord Amministrattiv") fl-2007 kkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, f'Ġunju 2008, huwa ħareġ rakkomandazzjonijiet rigward bidliet għall-funzjonament tal-Aġenzija, għall-oqsma ta' kompetenza tagħha u għall-prattiki ta' ħidma tagħha.

(5) Abbażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, u tar-rakkomandazzjonijiet, u tal-istrateġija pluriennali adottati mill-Bord Amministrattiv f'Marzu 2010, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Filwaqt li tiffoka fuq il-kompiti prijoritarji tagħha fil-qasam tas-sikurezza marittima, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti ċentrali u anċillari ġodda li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali. Minħabba r-restrizzjonijiet baġitarji li qed taffaċċja l-Unjoni, huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' ridistribuzzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit u tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni. Ħtiġijiet ta' persunal għal kompiti ċentrali u anċillari ġodda għandhom, bħala kwistjoni ta' prinċipju, ikunu koperti permezz ta' ridistribuzzjoni interna mill-Aġenzija. Fl-istess ħin, l-Aġenzija għandha tirċievi, fejn xieraq, finanzjament minn partijiet oħra tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Istrument Ewropew ta' Politika tal-Viċinat. It-twettiq ta' kwalunkwe kompitu ċentrali u anċillari ġdid mill-Aġenzija ser isir fi ħdan il-limiti tal-Perspettiva Finanzjarja attwali u l-baġit tal-Aġenzija mingħajr preġudizzju għan-negozjati u d-deċiżjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali futur. Peress li dan ir-Regolament mhuwiex deċiżjoni ta' finanzjament, l-Awtorità Baġitarja għandha tiddeċiedi dwar ir-riżorsi għall-Aġenzija fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

(6) Il-kompiti tal-Aġenzija għandhom jiġu deskritti b'mod ċar u preċiż, u kwalunkew duplikazzjoni ta' kompiti għandha tiġi evitata.

(7) L-Aġenzija wriet li ċerti kompiti jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell Ewropew, u dan jista' f'ċerti każi, joffri lill-Istati Membri ffrankar fuq il-baġits nazzjonali tagħhom u, fejn muri, jirrappreżenta valur miżjud Ewropew ġenwin.

(8) Xi dispożizzjonijiet dwar il-governanza speċifika tal-Aġezija għandhom jiġu ċċarati. B'kont meħud tar-responsabbiltà speċjali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni stabbiliti mit-Trattat dwar il-Funzjanament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha

([1]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 68.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2011 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-4 ta' Ottubru 2012 (ĠU C 352 E, 16.11.2012, p. 1). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012.

([3]) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

tipprovdi gwida għall-politika lill-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti tagħha filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ l-istatus legali tal-Aġenzija u l-indipendenza tad-Direttur Eżekuttiv tagħha kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

(9) Meta jinħatru membri tal-Bord Amministrattiv, jiġu eletti l-President u l-Viċi President tal-Bord Amministrattiv u jinħatru l-Kapijiet tad-Dipartiment, għandu jittieħed kont sħiħ tal-importanza li tiġi żgurata rappreżentazzjoni ekwilibrata tas-sessi.

(10) Kwalunkwe referenza għal atti legali rilevanti tal-Unjoni għandha tinftiehem li tirreferi għal atti fil-qasam tas-sigurtà marittima, is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni ta', u r-reazzjoni għal, tniġġis ikkawżat minn bastimenti kif ukoll ir-reazzjoni għal tniġġis marin ikkawżat mill-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

(11) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "sigurtà marittima" għandha tinftiehem - skont ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet ([1]) - bħala l-miżuri preventivi kombinati maħsuba biex jiġu protetti t-trasport marittimu u l-faċilitajiet fil-portijiet kontra t-theddid ta' atti illegali intenzjonali. L-objettiv ta' sigurtà għandu jinkiseb billi jiġu adottati miżuri xierqa fil-qasam tal-politika tat-trasport marittimu, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, id-difiża u s-sigurtà pubblika, u fil-ġlieda kontra reati finanzjarji kontra l-istat.

(12) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interessi tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi s-sitwazzjoni meta l-Aġenzija tingħata l-kompitu li taġixxi barra mit-territorju tal-Istati Membri fl-oqsma ta' kompetenza tagħha u li tipprovdi assistenza teknika lil pajjiżi terzi rilevanti, fil-promozzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima.

(13) L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri li għandha tiffaċilita l-istabbiliment tal-kapaċità nazzjonali meħtieġa biex jiġi implimentat l-*acquis* tal-Unjoni.

(14) L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza operattiva lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. Dan għandu jinkludi servizzi bħas-Sistema ta' Informazzjoni u ta' Skambju Marittimi tal-Unjoni (SafeSeaNet), is-Servizz Ewropew ta' Monitoraġġ għaż-Żejt bis-Satellita (CleanSeaNet), iċ-Ċentru tad-Data tal-Unjoni Ewropea għall-Identifikazzjoni u Traċċar mill-Bogħod (Ċentru ta' Data LRIT tal-UE) u l-bażi ta' data għall-ispezzjonijiet tal-Kontroll ta' l-Istat tal-Port tal-UE (Thetis).

(15) L-għarfien espert tal-Aġenzija fit-trasmissjoni tad-data elettronika u fis-sistemi ta' skambju ta' informazzjoni marittima għandu jintuża biex jiġu ssimplifikati formalitajiet għal bastimenti bil-ħsieb tal-eliminazzjoni ta' ostakoli għat-transport marittimu u l-istabbiliment ta' Żona Ewropea tat-Trasport Marittimu mingħajr Ostakoli. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri ([2]).

(16) L-Aġenzija għandha ttejjeb l-assistenza tagħha lill-Kummissjoni rigward l-attivitajiet ta' riċerka relatati mal-oqsma tal-kompetenzi tagħha. Madankollu, għandu jiġi evitat xogħol doppju fir-rigward tal-qafas ta' riċerka eżistenti tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-Aġenzija m'għandhiex tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-proġetti ta' riċerka.

(17) Fid-dawl tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u servizzi ġodda innovattivi u t-titjib tal-applikazzjoni u servizzi eżistenti, u bil-ħsieb tal-implimentazzjoni ta' Żona Ewropea tat-Trasport Marittimu mingħajr Ostakoli, l-Aġenzija għandha tagħmel użu sħiħ tal-potenzjal offrut mill-programmi ta' navigazzjoni bis-satellita Ewropej (EGNOS, Galileo) u mill-programm ta' Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES).

(18) Wara l-iskadenza tal-qafas tal-Unjoni għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis marin aċċidentali jew deliberat stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-Aġenzija għandha tkompli whud mill-attivitajiet li wettqet preċedentement taħt dak il-qafas billi tagħmel użu, b'mod partikolari, mill-għarfien espert fi ħdan il-Grupp Tekniku Konsultattiv għall-Istat ta' Tħejjija u għar-Reazzjoni għat-Tniġġis Marin. L-attivitajiet tal-Aġenzija f'dan il-qasam m'għandhomx inaqqsu mir-responsabbilitajiet tal-Istati kostali li jkollhom mekkaniżmi ta' reazzjoni xierqa għat-tniġġis u għandhom jirrispettaw arranġamenti ta' kooperazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membri jew gruppi ta' Stati Membri.

(19) Fuq talba, l-Aġenzija tipprovdi lill-Istati Membri informazzjoni dettaljata dwar każi potenzjali ta' tniġġis minn bastimenti permezz tal-CleanSeaNet sabiex tippermettilhom iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom taħt id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġiż ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur ([4]). Madankollu, l-effikaċja tal-infurzar tvarja bil-kbir minkejja li tali tniġġis għandu potenzjal li jispiċċa f'ilmijiet nazzjonali oħra. Fir-rapport li jmiss taħt l-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha għalhekk tipprovdi informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effikaċja u l-konsistenza tal-infurzar ta' dik id-Direttiva u informazzjoni oħra rilevanti dwar l-applikazzjoni tagħha.

(20) It-talbiet minn Stati affettwati għall-mobbilizzazzjoni ta' azzjonijiet kontra t-tniġġis mill-Aġenzija għandhom jiġu trażmessi permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom ([5]). Madankollu, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li f'ċirkostanzi minbarra talbiet għall-mobbilizzazzjoni ta' bastimenti u tagħmir permanenti għal kontra t-tniġġis,

([1]) ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

([2]) ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1.

([3]) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 1.

([4]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11.

([5]) ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.

mezzi alternattivi ta' komunikazzjoni bl-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni avvanzata jistgħu jkunu aktar xierqa u, għalhekk, tista' tinforma lill-Istat Membru rikjedenti.

(21) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni u produzzjoni offshore ta' żejt u ta' gass għat-trasport marittimu u għall-ambjent marin. Il-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Aġenzija għat-tniġġus miż-żejt u l-għarfien espert tagħha fil-qasam tat-tniġġis minn sustanzi perikolużi u noċivi għandhom jintużaw biex titkopra r-reazzjoni għat-tniġġis li joriġina minn tali attivitajiet, fuq talba tal-Istat affettwat.

(22) B'mod partikolari, il-CleanSeaNet, li hija attwalment użata biex tipprovdi evidenza ta' tixrid taż-żejt minn bastimenti, għandha tintuża wkoll mill-Aġenzija għall-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' tixrid taż-żejt minn attivitajiet ta' produzzjoni u esplorazzjoni offshore ta' żejt u ta' gass, mingħajr ma jiġu kkawżati effetti detrimentali lis-servizz pprovdut għat-trasport marittimu.

(23) L-Aġenzija stabbilixxiet u rrikonoxxiet għarfien espert u għodod siewja fl-oqsma tas- sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni u r-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn bastimenti. Dan l-għarfien espert u dawn l-għodod jistgħu jkunu rilevanti għal attivitajiet oħra tal-Unjoni marbuta mal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport marittimu. L-Aġenżija għandha għalhekk tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri meta jitolbu dan fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet tal-Unjoni bħal dawn bil-kondizzjoni li l-Bord Amministrattiv ikun approva dan fil-kuntest tal-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija. Tali assistenza għandha tkun soġġetta għal analiżi dettaljata tal-ispejjeż/benefiċċji u m'għandhomx ikunu detrimentali għall-kompiti ċentrali tal-Aġenzija.

(24) Permezz tal-assistenza teknika li l-Aġenzija tipprovdi, hija tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' trasport marittimu aktar favorevoli għall-ambjent.

(25) Fir-rigward ta' soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, ħafna mis-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni jittrattaw kemm bastimenti marittimi kif ukoll ta' navigazzjoni interna. Abbażi tal-esperjenza tal-Aġenzija ma' soċjetajiet ta' klassifikazzjoni għal bastimenti marittimi, l-Aġenzija tista' tagħti informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni fir-rigward ta' soċjetajiet ta' klassifikazzjoni għal bastimenti tal' navigazzjoni interna u b'hekk tippermetti titjib fl-effiċjenza.

(26) Fir-rigward tal-interfaċċja bejn is-sistemi ta' informazzjoni għat-trasport, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri billi tesplora, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti għas-Sistema ta' Servizzi tal-Informazzjoni dwar ix-Xmajjar, il-possibbiltà ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn tali sistemi.

(27) Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-inizjattiva Marittima elettronika futura, li għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza tas-settur tat-trasport marittimu Ewropew billi tiffaċilita l-użu tat-teknoloġiji avvanzati ta' informazzjoni.

(28) Bil-ħsieb li jinkiseb suq uniku u Żona Ewropea tat-Trasport Marittimu mingħajr Ostakoli, għandhom jitnaqqsu piżijiet amministrattivi fuq it-trasport marittimu, biex b'hekk inter alia jiġi inkoraġġit it-trasport marittimu fuq distanza qasira. F'dan il-kuntest, il-kunċett "Blue Belt" u l-inizjattiva Marittima elettronika jistgħu jintużaw potenzjalment bħala mezz biex jitnaqqsu l-formalitajiet ta' rappurtar meħtieġa minn bastimenti kummerċjali mad-dħul u t-tluq minn portijiet fl-Istati Membri.

(29) Huwa mfakkar li skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-ekwilibriju istituzzjonali, ma tistax tiġi konferita lil aġenzija is-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali.

(30) Mingħajr preġudizzju għall-objettivi u l-kompiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, il-Kummissjoni għandha tħejji u tippreżenta, fi żmien sena waħda mid-data tad-dħul fis-seħħ t' dan ir-Regolament, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti, studju ta' fattibbiltà bil-ħsieb li jiġu evalwati u identifikati l-possibbiltajiet li jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ta' funzjonijiet differenti tal-gwardji tal-kosta. Dak l-istudju għandu jieħu kont tal-qafas legali eżistenti u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti mill-fora xierqa tal-Unjoni kif ukoll l-izvilupp attwali tal-Ambjent Komuni għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni (CISE) u għandu jirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, filwaqt li jagħmel l-ispejjeż u l-benefiċċji ċari għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

(31) Li jiġu attirati baħħara Ewropej imħarrġa huwa importanti għall-kompetittività tal-clusters marittimi tal-Unjoni. Għalhekk, fid-dawl tad-domanda attwali u futura fl-Unjoni għal baħħara kkwalifikati ħafna, l-Aġenzija għandha, jekk xieraq, tappoġġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tat-taħriġ marittimu billi tiffaċilita l-iskambju volontarju tal-aħjar prattika u billi tipprovdi informazzjoni dwar programmi ta' skambju tal-Unjoni dwar it-taħriġ marittimu. Dan jista' jinkludi assistenza lil partijiet interessati kompetenti Ewropej biex tintlaħaq l-eċċellenza għal edukazzjoni u taħriġ marittimu fuq bażi volontarja, filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ marittimu.

(32) Sabiex jiġi miġġieled ir-riskju li dejjem qed jikber tal-piraterija, l-Aġenzija għandha tkompli, fejn xieraq, tibgħat lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lil korpi rilevanti oħra, inklużi operazzjonijiet bħall-operazzjoni tal-Qawwa Navali tal-UE Atalanta, informazzjoni dettaljata dwar il-pożizzjoni ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri u li jkunu għaddejjin minn żoni, li huma kklassifiakti bħala perikolużi ħafna. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha mezzi għad-dispożizzjoni tagħha li jistgħu jkunu ta' benefiċċju, b'mod partikolari fil-kuntest tal-iżvilupp tal-CISE. Huwa għalhekk xieraq li l-Aġenzija

għandha tipprovdi, fuq talba, il-pożizzjoni rilevanti tal-bastimenti u d-data dwar l-osservazzjoni tad-Dinja lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-korpi tal-Unjoni, bħal Frontex u l-Europol, biex tiffaċilita miżuri ta' prevenzjoni kontra atti illegali intenzjonali kif mifhum fil-liġi rilevanti tal-Unjoni mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri u f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, b'mod partikolari rigward dawk il-korpi li jitolbu d-data. Il-provvediment ta' data tal- identifikazzjoni u traċċar mill-bogħod ta' bastimenti (LRIT) għandha tkun soġġetta għall-kunsens tal-Istat tal-Bandiera kkonċernat, f'konformità mal-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord Amministrattiv.

(33) Meta tiġi pubblikata informazzjoni dwar il-kontroll tal-Istat tal-port skont id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port ([1]), il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jibnu fuq l-għarfien espert u l-esperjenza miksuba taħt il-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port ("il-MtF ta' Pariġi") biex tiġi żgurata l-konsistenza.

(34) L-assistenza tal-Aġenzija lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ħidma rilevanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali għandha tkun mingħajr preġudizzju lejn ir-relazzjoni bejn dawk l-organizzazzjonijiet u l-Istati Membri li tirriżulta mis-sħubija tal-Istati Membri f'dawk l-organizzazzjonijiet.

(35) L-Unjoni aderixxiet għall-istruemnti li ġejjin, li jistabbilixxu organizzazzjonijiet reġjonali, li l-attivitajiet tagħhom huma wkoll koperti mill-objettivi tal-Aġenzija: il-Konvenzjoni fuq il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku (Il-Konvenzjoni ta' Ħelsinki kif riveduta fl-1992) ([2]); il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġis (Il-Konvenzjoni ta' Barċellona) ([3]), u r-reviżjoni tagħha tal-1995 ([4]) u għal għadd ta' protokolli tagħha; il-Ftehim għall-koperazzjoni dwar kif jiġi trattat it-tniġġis tal-Baħar tat-Tramuntana bħala riżultat taż-żejt u ta' sustanzi oħra perikoluż (Ftehim ta' Bonn) ([5]); il-Konvenzjoni għal ħarsien tal-ambjent marittimu tal-Grigal tal-Atlantiku (Konvenzjoni OSPAR) ([6]); il-Ftehim ta' Koperazzjoni dwar il-protezzjoni mit-tniġġis tax-xtut u l-ibħra fil-grigal tal-Atlantiku, iffirmat fis-17 ta' Ottubru 1990 (Ftehim ta' Lisbona) ([7]), flimkien mal-Protokoll Addizzjonali għalih, iffirmat fl-20 ta' Mejju 2008, li għadhom ma daħlux fis-seħħ ([8]). L-Unjoni qed tinnegozja wkoll l-adeżjoni għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed Kontra t-Tniġġis, iffirmata f'April 1992 (Konvenzjoni ta' Bukarest). L-Aġenzija għandha b'hekk tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu sehem fil-ħidma ta' dawk l-organizzazzjonijiet reġjonali.

(36) Minbarra dawk l-organizzazzjonijiet reġjonali, jeżistu għadd ta' arranġamenti oħra ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni reġjonali, sottoreġjonali u bilaterali oħra fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis. Meta tingħata assistenza fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis lil pajjiżi terzi li jikkondividu baċin tal-baħar reġjonali mal-Unjoni, l-Aġenzija għandha taġixxi billi tieħu kont ta' dawn l-arranġamenti.

(37) L-Unjoni tikkondividi dawn il-baċini tal-baħar reġjonali ma' pajjiżi ġirien: il-Baħar Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-Baħar Baltiku. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis lil dawn il-pajjiżi.

(38) Sabiex timmassimizza l-effiċjenza, l-Aġenzija għandha tikkoopera kemm jista' jkun mill-qrib fil-kuntest tal-MtF ta' Pariġi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jeżaminaw kwalunkwe opzjoni għal aktar kisbiet tal-effiċjenza, li jistgħu jiġu proposti għal konsiderazzjoni fil-qafas tal-MtF ta' Pariġi.

(39) Sabiex jiġi żgurat li l-atti legali vinkolanti tal-Unjoni fl-oqsma ta' sigurtà marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat minn bastimenti jiġu implimentati b'mod korrett fil-prattika, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni billi twettaq żjajjar fl-Istati Membri. Dawn iż-żjajjar lill-amministrazzjonijiet nazzjonali għandhom jippermettu lill-Aġenzija tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tippreżenta rapport komprensiv lill-Kummissjoni għal valutazzjoni ulterjuri tiegħu. Iż-żjajjar għandhom jitwettqu fl-ispirtu tal-prinċipji msemmija fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għandhom jiġu kkoordinati b'tali mod biex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq l-amministrazzjonijiet marittimi nazzjonali. Barra minn hekk iż-żjajjar għandhom isiru skont proċedura stabbilita li tinkludi metodoloġija standard kif adottata mill-Bord Amministrattiv.

(40) L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni billi twettaq spezzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri ([9]). Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu wkoll isiru f'pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li l-Istati Membri kkonċernati jiġu infurmati kif dovut. L-Aġenzija għandha twettaq ukoll il-kompiti tal-ispezzjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni ta' baħħara f'pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara ([10]), li l-Kummissjoni ddelegat lill-Aġenzija. Dettalji tal-assistenza teknika mogħtija mill-Aġenzija lill-ispezzjonijiet ta' sigurtà marittima magħmula mill-Kummissjoni skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE)

([1]) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 94/157/KE (ĠU L 73, 16.3.1994, p. 19).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/KEE (ĠU L 240, 19.9.1977, p. 1).
([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/802/KE (ĠU L 322, 14.12.1999, p. 32).
([5]) Deċiżjoni tal-Kunsill 84/358/KEE (ĠU L 188, 16.7.1984, p. 7).
([6]) Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE (ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1).
([7]) Deċiżjoni tal-Kunsill 93/550/KEE (ĠU L 267, 28.10.1993, p. 20).
([8]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/655/UE (ĠU L 285, 30.10.2010, p. 1).
([9]) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11.
([10]) ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33.

Nru 324/2008 tad-9 ta' April 2008 li jistabbilixxi proċeduri riveduti għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima [1] ma għandhomx jiġu koperti mir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

(41) Sabiex tiġi żgurata koerenza mal-objettivi tal-politika u l-istabbiliment istituzzjonali tal-Unjoni kif ukoll mal-applikazzjoni amministrattiva u l-proċeduri finanzjarji, il-Kummissjoni għandha toħroġ parir formali fil-forma ta' opinjoni bil-miktub dwar l-abbozz ta' strateġija pluriennali tal-Aġenzija u l-abbozz ta' programmi ta' ħidma annwali, li l-Bord Amministrattiv għandu jqis qabel ma jadotta dawk id-dokumenti.

(42) Sabiex tiġi żgurata proċedura ġusta u trasparenti għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv, il-proċedura ta' selezzjoni li għandha tiġi segwita għandha tkun f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għas-selezzjoni u n-nomina ta' Diretturi għall-aġenziji tal-Unjoni. Dawn il-linji gwida jipprevedu li ċ-ċittadini ta' kwalunkwe Stat Membru jistgħu jippreżentaw applikazzjoni. Għall-istess raġunijiet, il-Bord Amministrattiv għandu jiġi rrappreżentat minn osservatur fil-kumitat ta' preselezzjoni. L-osservatur għandu jinżamm infurmat matul l-istadji ulterjuri tal-proċedura ta' selezzjoni. Fil-mument li l-Bord Amministrattiv jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar il-ħtir, il-membri tiegħu għandhom ikunu jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' selezzjoni. Barra minn hekk, il-Bord Amministrattiv għandu jkollu l-opportunità li jintervista l-kandidati magħżula, skont il-prattika standard. Fl-istadji kollha tal-proċedura ta' selezzjoni u l-ħatra għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, il-partijiet involuti kollha għandhom jiżguraw li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' tali data [2].

(43) Filwaqt li l-Aġenzija hija prinċipalment iffinanzjata permezz ta' kontribut mill-Unjoni, hija għandha wkoll dħul li jirriżulta minn ħlasijiet u tariffi relatati mas-servizzi tagħha. Dawk il-ħlasijiet u t-tariffi huma relatati b'mod partikolari għall-operazzjoni taċ-Ċentru tad-Data LRIT tal-UE u jiġu applikati skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill adottata fl-1 u t-2 ta' Ottubru 2007 u d-9 ta' Diċembru 2008 relatata mal-istabbiliment taċ-Ċentru tad-Data LRIT tal-UE u b'mod partikolari mal-paragrafi relatati mal-finanzjament ta' rapporti dwar il-LRIT.

(44) Fil-qafas tar-rapport ta' progress previst fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, il-Kummissjoni għandha wkoll teżamina l-kontribut tal-potenzjal tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni ta' att futur leġislattiv dwar is-sigurtà ta' attivitajiet ta' prospezzjoni, esplorazzjoni u produzzjoni offshore ta' żejt u ta' gass, li attwalment qed jiġu eżaminati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fir-rigward tal-prevenzjoni tat-tniġġis minn stallazzjonijiet offshore ta' żejt u ta' gass, b'kont meħud tal-għarfien espert u għodod tal-Aġenezija li huma stabbiliti u rikonoxxuti.

(45) L-attivitajiet tal-Aġenzija għandhom, fejn xieraq, jikkontribwixxu wkoll għall-istabbiliment ta' Żona Ewropea tat-Trasport Marittimu mingħajr Ostakoli.

(46) Għandu jittieħed kont tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu.

(47) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1406/2002**

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikoli 1 sa 3 għandhom jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 1*

**Objettivi**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ('l-Aġenzija') għall-finijiet tal-assigurazzjoni ta' livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima, sikurezza marittima, prevenzjoni, u reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn bastimenti kif ukoll reazzjoni għal tniġġis marin ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

2. Għal dak il-għan, l-Aġenzija għandha tikkoopera mal-Istati Membru u l-Kummissjoni u tagħtihom assistenza teknika, operattiva u xjentifika fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fi ħdan il-limiti tal-kompiti ċentrali stabbiliti fl-Artikolu 2 u, kif u meta applikabbli, il-kompiti anċillari stipulati fl-Artikolu 2a, b'mod partikolari sabiex tingħata assistenza lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni japplikaw korrettament l-atti legali rilevanti tal-Unjoni. Fir-rigward tal-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis, l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza operattiva biss fuq it-talba tal-Istat(i) milqut/a.

3. Bl-għoti tal-assistenza msemmija fil-paragrafu 2, l-Aġenzija għandha, fejn xieraq, tikkontribwixxi għall-effiċjenza tat-traffiku marittimu u trasport marittimu kif stabbilit f'dan ir-Regomanet, sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' Żona Ewropea tat-Trasport Marittimu mingħajr Ostakoli.

[1] ĠU L 98, 10.4.2008, p. 5.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[3] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

*Artikolu 2*

**Kompiti ċentrali tal-Aġenzija**

1. Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi fl-Artikolu 1 ikunu sodisfatti b'mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti ċentrali elenkati f'dan l-Artikolu.

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni:

(a) fil-ħidma preparatorja għall-aġġornament u l-iżvilupp tal-atti legali rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari skont l-iżvilupp tal-leġislazzjoni interna;

(b) fl-implimentazzjoni effettiva tal-atti legali vinkolanti rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari billi twettaq żjajjar u spezzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u billi tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti ta' spezzjoni assenjati lilha skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (*). F'dan ir-rigward, tista' tindirizza suġġerimenti lill-Kummissjoni għal kwalunkwe titjib possibbli ta' dawk l-atti legali vinkolanti;

(c) fl-analiżi tal-proġetti li għaddejjin u li tlestew rilevanti għall-objettivi tal-Aġenzija; dawn jistgħu jinkludu l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' segwitu possibbli li jirriżultaw minn proġetti ta' riċerka speċifiċi;

(d) fit-twettiq ta' kwalunkwe kompitu assenjat lill-Kummissjoni f'atti leġislattivi tal-Unjoni fir-rigward tal-objettivi tal-Aġenzija.

3. L-Aġenzija għandha taħdem mal-Istati Membri biex:

(a) torganizza, fejn xieraq, attivitajiet rilevanti ta' taħriġ f'oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri;

(b) tiżviluppa soluzzjonijiet tekniċi, inkluż il-forniment ta' servizzi operattivi rilevanti, u tagħti assistenza teknika, għall-bini tal-kapaċità nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' atti legali rilevanti tal-Unjoni;

(c) tipprovdi, fuq it-talba ta' Stat Membru, informazzjoni xierqa li tirriżulta mill-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 sabiex tappoġġa l-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu kompiti ta' ċertifikazzjoni f'isem l-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (**) mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istat tal-bandiera;

(d) tappoġġja b'mezzi addizzjonali u b'mod kosteffiċjenti azzjonijiet ta' reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn bastimenti kif ukoll tniġġis marin ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, meta tkun tressqet talba mill-Istat Membru affettwat li l-operazzjonijiet ta' tindif ikunu twettqu taħt l-awtorità tiegħu, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' Stati kostali li jkollhom mekkaniżmi adatti ta' reazzjoni għat-tniġġis fis-seħħ filwaqt li jirrispettaw il-kooperazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam. Kif xieraq, it-talbiet għall-mobbilizzazzjoni ta' azzjonijiet kontra t-tniġġis għandhom jgħaddu mill-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom (***).

4. L-Aġenzija għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni:

(a) fil-qasam tal-monitoraġġ tat-traffiku kopert mid-Direttiva 2002/59/KE, l-Aġenzija għandha b'mod partikolari tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati ta' xtut ix-xmajjar fiż-żoni ta' tbaħħir ikkonċernati, kif ukoll tiżviluppa u topera ċ-Ċentru tad-Data tal-Unjoni Ewropea għall-Identifikazzjoni u Traċċar mill-Bogħod ta' Bastimenti (Ċentru Ewropew tad-Data LRIT) u s-Sistema tal-Unjoni ta' Informazzjoni u ta' Skambju Marittimai (SafeSeaNet) kif imsemmija fl-Artikolu 6b u 22a tad-Direttiva kif ukoll is-sistema ta' skambju ta' data tal-Identifikazzjoni u l-Ittraċċar Internazzjonali tal-Bastimenti minn Distanza Twila skont l-impenn li ttieħed fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ('IMO');

(b) billi tagħti, fuq talba u mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, il-pożizzjoni rilevanti tal-bastimenti u d-data dwar l-osservazzjoni tad-Dinja lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-korpi rilevanti tal-Unjoni fil-madnat tagħhom sabiex tiffaċilita miżuri kontra theddid mill-piraterija u minn atti internazzjonali illegali kif previst fil-liġi applikabbli tal-Unjoni jew taħt strumenti legali maqbula internazzjonalment fil-qasam tat-trasport marittimu, soġġett għal regoli ta' protezzjoni tad-data applikabbli u skont il-proċeduri amministrattivi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord Amministrattiv jew il-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli stabbilit skont id-Direttiva 2002/59/KE, kif xieraq. Il-provvediment ta' data għall-identifikazzjoni u traċċar mill-bogħod ta' bastimenti għandha tkun soġġetta għall-kunsens tal-Istat ta' Bandiera kkonċernat.

(c) fil-qasam tal-investigazzjoni ta' diżgrazzji u inċidenti marittimi skont id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu (****); l-Aġenzija għandha, jekk mitluba mill-Istati Membri rilevanti u jekk wieħed jassumi li ma jirriżulta l-ebda kunflitt ta' interess, tagħti appoġġ operattiv lil dawn l-Istati Membri li jikkonċerna investigazzjonijiet relatati ma' diżgrazzji serji jew serji ħafna u għandha twettaq analiżi ta' rapporti ta' investigazzjoni dwar is-sikurezza bil-ħsieb li jiġi identifikat il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni f'termini ta' kwalunkwe tagħlima rilevanti li għandha tittieħed. Abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 17 ta' dik id-Direttiva, l-Aġenzija għandha tiġbor sintesi ġenerali tal-inċidenti u diżgrazzji aċċidentali marini;

(d) fl-għoti ta' statistika, informazzjoni u data oġġettiva, affidabbli u paragunabbli, biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-passi meħtieġa biex itejbu l-azzjonijiet tagħhom u jevalwaw l-effikaċja u l-kost-effettività tal-miżuri eżistenti. Tali kompiti għandhom jinkludu l-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni tad-data teknika, l-użu sistematiku tal-bażijiet tad-data eżistenti, fost l-oħrajn l-iskambju reċiproku u, fejn adatt, l-iżvilupp ta' bażijiet tad-data addizzjonali. Abbażi tad-data miġbura, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-bastimenti skont id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (*****).

(e) fil-ġbir u l-analiżi ta' data dwar baħħara provduta u użata skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (******);

(f) fit-titjib tal-identifikazzjoni u l-insegwiment tal-bastimenti li jagħmlu rimi illegali skont id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn bastimenti u l-introduzzjoni ta' pieni għal ksur (*******);

(g) rigward tniġġis marin biż-żejt ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, billi tuża s-Servizz Ewropew ta' Monitoraġġ għaż-Żejt bis-Satellita (CleanSeaNet), għall-monitoraġġ tal-estent u l-impatt ambjentali ta' tali tniġġis;

(h) fl-għoti tal-assistenza teknika meħtieġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkontribwixxu għall-ħidma rilevanti tal-korpi tekniċi tal-IMO, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol sa fejn huwa kkonċernat it-trasport marittimu u l-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port (MtF ta' Pariġi) u organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti li għalihom aċċediet l-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' kompetenza tal-Unjoni;

(i) fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri (********), b'mod partikolari billi tiffaċilita t-trasmissjoni elettronika ta' data permezz ta' SafeSeaNet u billi tappoġġa l-iżvilupp tat-tieqa unika.

5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija tista' tipprovdi assistenza teknika, inkluża l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ rilevanti, fir-rigward tal-atti legali rilevanti tal-UE, lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, u fejn applikabbli, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-MtF ta' Pariġi.

L-Aġenzija tista' wkoll tipprovdi assistenza f'każ ta' tniġġis ikkawżat minn bastimenti kif ukoll tniġġis marin ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass li jaffettwaw lil dawk il-pajjiżi terzi li jikkondividu baċin tal-baħar reġjonali mal-Unjoni, skont il-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni 2007/779/KE, Euratom, u b'mod simili għall-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu (3)(d) ta' dan l-Artikolu. Dawn il-kompiti għandhom jiġu kkoordinati mal-arranġamenti ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti relatati mat-tniġġis marin.

*Artikolu 2a*

**Kompiti anċillari tal-Aġenzija**

1. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti ċentrali msemmija fl-Artikolu 2, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, kif xieraq, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni imniżżlin fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikkolu relatati mal-objettivi tal-Aġenzija, safejn l-Aġenzija jkollha għarfien espert u għodod stabbiliti u rikonoxxuti. Il-kompiti anċillari mniżżlin f'dan l-Artikolu għandhom:

(a) joħolqu valur miżjud sostanzjat;

(b) jevitaw dupplikazzjoni tal-isforzi;

(c) ikunu fl-interess tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport marittimu;

(d) ma jkunux detrimentali għall-kompiti ċentrali tal-Aġenzija u

(e) ma jiksrux id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri, b'mod partikolari bħala Stati tal-bandiera, Stati tal-port u Stati kostali.

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni:

(a) fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina) (*********), billi tikkontribwixxi għall-objettiv tal-kisba ta' status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marini bl-elementi relatati mat-trasport marittimu u fl-użu tar-riżultati ta' għodod eżistenti bħal SafeSeaNet u CleanSeaNet;

(b) billi tipprovdi assistenza teknika b'rabta mal-emissjonijiet ta' gas serra minn bastimenti, b'mod partikolari fis-segwitu ta' żviluppi internazzjonali kurrenti;

(c) f'dak li jikkonċerna l-programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), fil-promozzjoni tal-użu tad-data u s-servizzi tal-GMES għal finijiet marittimi, fi ħdan il-qafas ta' governanza tal-GMES;

(d) fl-iżvilupp ta' Ambjent Komuni għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE;

(e) fir-rigward ta' installazzjonijiet mobbli offshore taż-żejt u tal-gass, fl-eżami tar-rekwiżiti tal-IMO u fil-ġbir ta' informazzjoni bażika dwar theddid potenzjali għat-trasport marittimu u l-ambjent marin.

(f) billi tingħata informazzjoni rilevanti fir-rigward tas-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni skont id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi

għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (**********). Din l-informazzjoni għandha wkoll tkun parti mir-rapporti msemmija fl-Artikolu 3(4) u (5) ta' dan ir-Regolament.

3. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:

(a) fl-eżami tal-fattibbiltà u l-implimentazzjoni ta' politiki u proġetti li jappoġġaw l-istabbiliment ta' Żona Ewropea tat-Trasport Marittimu mingħajr Ostakoli, bħall-kunċett Blue Belt u l-inizjattiva Marittima elettronika, kif ukoll it-Toroq tal-Baħar. Dan għandu jsir b'mod partikolari billi jiġu esplorati funzjonalitajiet addizzjonali għal SafeSeaNet, mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli stabbilit skont id-Direttiva 2002/59/KE;

(b) billi tiġi esplorata flimkien mal-awtoritajiet kompetenti għas-Sistema ta' Servizzi ta' Informazzjoni dwar ix-Xmajjar il-possibbiltà li ssir kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn din is-sistema u s-sistemi ta' informazzjoni tat-trasport marittimu abbażi tar-rapport previst fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2010/65/UE;

(c) billi jiġi ffaċilitat l-iskambju volontarju tal-aħjar prattiki fit-taħriġ u l-edukazzjoni marittima fl-Unjoni u billi tingħata informazzjoni dwar il-programmi ta' skambju tal-Unjoni għal taħriġ marittimu filwaqt li jiġi rispettat l-Artikolu 166 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

*Artikolu 3*

**Żjajjar lill-Istati Membri u spezzjonijiet**

1. Sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha u sabiex tgħin lill-Kummissjoni biex twettaq dmirijietha skont it-TFUE, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi rilevanti tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha twettaq żjajjar lill-Istati Membri skont il-metodoloġija stabbilita mill-Bord Amministrattiv.

2. L-Aġenzija għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat minn kmieni biż-żjara ppjanata, bl-ismijiet tal-uffiċjali awtorizzati, u d-data li fiha tibda ż-żjara u t-tul mistenni tagħha. L-uffiċjali tal-Aġenzija ddelegati biex iwettqu dawn iż-żjajjar għandhom jagħmlu dan bi preżentazzjoni ta' deċiżjoni bil-miktub mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija li tispeċifika l-iskop u l-miri tal-missjoni tagħhom.

3. L-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet f'isem il-Kummissjoni kif meħtieġ mill-atti legali vinkolanti tal-Unjoni fir-rigward ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (***********) u fir-rigward tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni ta' baħħara f'pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2008/106/KE.

4. Fi tmiemi kull żjara jew spezzjoni, l-Aġenzija għandha tfassal rapport u tibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat.

5. Fejn adatt, u fi kwalunkwe każ meta jiġi konkluż ċiklu ta' żjajjar jew spezzjonijiet, l-Aġenzija għandha tanalizza r-rapporti minn dak iċ-ċiklu sabiex tidentifika sejbiet orizzontali u konklużjonijiet ġenerali dwar l-effettività u l-kost-effettività tal-miżuri fis-seħħ. L-Aġenzija għandha tippreżenta din l-analiżi lill-Kumitat għal aktar diskussjoni mal-Istati Membri sabiex tittieħed kwalunkwe tagħlima rilevanti u jiġi ffaċilitat it-tixrid ta' prattika ta' ħidma tajba.

(*) ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.
(**) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47.
(***) ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.
(****) ĠU L 131, 28.5.2009, p.114.
(*****) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57.
(******) ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33.
(*******) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11.
(********) ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1.
(*********) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.
(**********) ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.
(***********) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11.";

(2) Fl-Artikolu 4, il-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, inkluż, fejn xieraq, arranġamenti fir-rigward tal-konsultazzjoni mal-Istati Membri qabel il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni.

4. L-informazzjoni miġbura u pproċessata skont dan ir-Regolament mill-Kummissjoni u l-Aġenzija għandha tkun soġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u l-korpi u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (*) u l-Aġenzija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura t-trattament u l-ipproċessar sigur ta' informazzjoni kunfidenzjali.

(*) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.";

(3) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi, bi qbil ma' u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati u b'kont debitament meħud tal-implikazzjonijiet baġitarji, inkluż kwalunkwe kontribut li l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jagħtu, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex jitwettqu, bl-aktar mod effiċjenti u effettiv, xi whud mill-kompiti tal-Aġenzija. Meta tittieħed deċiżjoni bħal din, il-Bord Amministrattiv għandu jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-attivitajiet taċ-ċentru reġjonali filwaqt li jiġu evitati spejjeż finanzjarji mhux meħtieġa u tittejjeb il-kooperazzjoni man-netwerks reġjonali u nazzjonali eżistenti.";

(4) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija u jibagħtu kull sena sal-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-Istati Membri.

Kull sena, l-Aġenzija għandha tibgħat l-informazzjoni kollha rigward l-eżitu tal-proċeduri ta' evalwazzjoni lill-awtoritajiet baġitarji;";

(b) il-punt (c) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jeżamina u japprova, fil-qafas tal-preparazzjoni tal-programm ta' ħidma, talbiet għal assistenza lill-Kummissjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2)(d), talbiet minn Stati Membri għal assistenza teknika, kif imsemmi fl-Artikolu 2(3), u talbiet għal assistenza teknika, kif imsemmi fl-Artikolu 2(5) kif ukoll talbiet għal assistenza msemmija fl-Artikolu 2a;

(ca) jeżamina u jadotta strateġija pluriennali għall-Aġenzija għal perijodu ta' ħames snin b'kont meħud tal-opinjoni bil-miktub tal-Kummissjoni;

(cb) jeżamina u jadotta l-pjan ta' politika pluriennali tal-persunal tal-Aġenzija;

(cc) jikkunsidra abbozz ta' arranġamenti amministrattivi, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2)(ba);";

(c) Il-punt (g) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"(g) jistabbilixxi metodoloġija għaż-żjajjar li għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 3. F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data tal-adozzjoni tal-metodoloġija, in-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord Amministrattiv għandu jeżaminaha mill-ġdid u jadottaha, possibilment jemenda, fit-tieni qari b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri;";

(d) il-punt (h) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"(h) jaqdi dmirijietu fir-rigward tal-baġit tal-Aġenzija skont l-Artikoli 18, 19 u 21 u jissorvelja u jiżgura segwitu adegwat għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-varji rapporti u evalwazzjonijiet tal-awditjar, kemm interni kif ukoll esterni;";

(e) il-punt (i) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(i) jeżerċita awtorità dixxiplinari fuq id-Direttur Eżekuttiv u l-Kapijiet tad-Dipartimenti msemmija fl-Artikolu 16;";

(f) il-punt (l) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(l) jirrevedi l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat imsemmi fil-punt (k) ta' dan il-paragrafu u l-impenji baġitarji previsti fir-Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-rispons għal tniġġis ikkaġunat minn bastimenti (*);

(*) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1.";

(g) jinżied il-punt li ġej:

"(m) jaħtar osservatur minn fost il-membri tiegħu biex isegwi l-proċedura ta' selezzjoni mill-Kummissjoni għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv.";

(5) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-membri tal-Bord Amministrattiv għandhom jinħatru abbażi tal-livell ta' esperjenza u kompetenza esperta rilevanti fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom, it-tnejn li huma, jistinkaw għal rappreżentazzjoni bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord Amministrattiv.";

(b) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. It-tul tal-mandat għandu jkun ta' erba' snin. Il-mandat jista' jiġġedded.";

(6) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 4 jiġi sostiwit b'dan li ġej:

"4. Meta jkun hemm kwistjoni ta' kunfidenzjalità jew konflitt ta' interess, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi li jeżamina l-punti speċifiċi fuq l-aġenda tiegħu mingħajr il-preżenza tal-membri kkonċernati. Għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fir-regoli ta' proċedura.";

(7) L-Artikolu 15 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) huwa/hija għandu jħejji l-istrateġija pluriennali tal-Aġenzija u jressaqha quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni minn tal-inqas tmien ġimgħat qabel il-laqgħa rilevanti tal-Bord Amministrattiv, b'kont meħud tal-fehmiet u s-suġġerimenti magħmula mill-membri tal-Bord Amministrattiv;

(aa) huwa/hija għandu jipprepara l-pjan ta' politika pluriennali tal-persunal tal-Aġenzija u jressaqha quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni minn tal-inqas erba' ġimgħat qabel il-laqgħa rilevanti tal-Bord Amministrattiv;

(ab) huwa/hija għandu jipprepara l-programm ta' ħidma annwali, b'indikazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji mistennija allokati għal kull attività, u l-pjan dettaljat għall-attivitajiet tal-istat ta' tħejjija u tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija, u jressaqhom quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni minn tal-inqas tmien ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Bord rilevanti, b'kont meħud tal-fehmiet u s-suġġerimenti magħmula mill-membri tal-Bord Amministrattiv. Huwa/hija għandu jieħu l-passi meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom. Huwa/hija għandu jwieġeb għal kwalunkwe talba għal assistenza mingħand Stat Membru skont l-Artikolu 10(2)(c);

(b) huwa/hija għandu jiddeċiedi li jwettaq iż-żjajjar u l-ispezzjonijiet previsti fl-Artikolu 3, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u b'segwitu għall-metodoloġija għaż-żjajjar stabbilita mill-Bord Amministrattiv skont l-Artikolu 10(2)(g);

(ba) huwa/hija tista' tidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' korpi oħrajn li jaħdmu fl-oqsma ta' attivitajiet tal-Aġenzija dment li l-abbozz ta' arranġament ikun tressaq għal konsultazzjoni quddiem il-Bord Amministrattiv u dment li l-Bord Amministrattiv ma joġġezzjonax fi żmien erba' ġimgħat.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (d) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) huwa/hija għandu jorganizza sistema effettiva ta' monitoraġġ sabiex ikun jista' jqabbel il-kisbiet tal-Aġenzija mal-objettivi u l-kompiti tagħha kif imniżżlin f'dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, huwa/hija għandu jistabbilixxi, bi qbil mal-Kummissjoni u l-Bord Amministrattiv, indikaturi tal-prestazzjoni mfasslin apposta li jippermettu valutazzjoni effettiva tar-riżultati miksuba. Huwa/hija għandu jiżgura li l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija ser tiġi adattata b'mod regolari għall-ħtiġijiet li jevolvu skont ir-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli. Fuq din il-bażi kull sena d-Direttur Eżekuttiv għandu jipprepara abbozz ta' rapport ġenerali u jressqu quddiem il-Bord Amministrattiv għal kunsiderazzjoni. Ir-rapport għandu jinkludi sezzjoni apposta dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat għall-attivitajiet tal-istat ta' tħejjija u tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija u għandu jagħti aġġornament tal-istatus tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt dak il-pjan. Huwa/hija għandu jistabbilixxi proċeduri regolari ta' evalwazzjoni li jilħqu standards professjonali rikonoxxuti;";

(c) fil-paragrafu 2, il-punt (g) jitħassar;

(d) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu, kif xieraq, jirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-twettiq tal-kompiti tiegħu/tagħha.

B'mod partikolari, huwa/hija għandu jippreżenta s-sitwazzjoni fir-rigward tat-tħejjija tal-istrateġija pluriennali u l-programm ta' ħidma annwali.";

(8) L-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 16*

**Ħatra u sensja tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Kapijiet tad-Dipartiment**

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar u jingħata s-sensja mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir għal perijodu ta' ħames snin għal raġuni ta' mertu u kompetenza amministrattiva u maniġerjali dokumentata, kif ukoll esperjenza dokumentata fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1 wara li tinstema' l-opinjoni tal-osservatur kif imsemmi fl-Artikolu 10. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar minn lista ta' mill-inqas tliet kandidati proposti mill-Kummissjoni wara kompetizzjoni miftuħa, wara l-pubblikazzjoni tal-post f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u f'postijiet oħrajn, għal sejħa għal stqarrijiet ta'interess. Il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Il-Bord Amministrattiv għandu jiddelibera dwar is-sensja fuq it-talba tal-Kummissjoni jew ta' terz mill-membri tagħha. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu dwar ħatra jew sensja b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha bid-dritt għall-vot.

2. Il-Bord Amministrattiv, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jieħu kont tar-rapport ta' evalwazzjoni jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba għal mhux ikar minn erba' snin. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha bid-dritt għall-vot. Il-Bord Amministrattiv għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bil-ħsieb tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlu l-membri tiegħu. Jekk il-mandat ma jkunx estiż, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibqa' fil-kariga tiegħu sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu.

3. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jkun assistit minn Kap ta' Dipartiment wieħed jew iktar. Jekk id-Direttur Eżekuttiv ikun assenti jew indispost, wieħed mill-Kapijiet tad-Dipartimenti għandu jeħodlu postu.

4. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru abbażi ta' mertu u ħiliet amministrattivi u ta' tmexxija dokumentati, kif ukoll kompetenza u esperjenza professjonali fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru jew jingħataw is-sensja mid-Direttur Eżekuttiv wara li jkun irċieva opinjoni pożittiva mingħand il-Bord Amministrattiv.";

(9) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-ħlasijiet u t-tariffi għall-pubblikazzjonijiet, għat-taħriġ u/jew għal kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-Aġenzija.";

(b) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz ta' dikjarazzjoni tal-istimi tad-dħul u n-nefqa tal-Aġenzija għas-sena ta' wara, abbażi ta' baġit ibbażat fuq l-attivitajiet, u għandu jibagħtu lill-Bord Amministrattiv, flimkien ma' abbozz ta' tabella tal-persunal.";

(c) il-paragrafi 7 u 8 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"7. Id-dikjarazzjoni tal-istimi għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill ('l-awtorità baġitarja') flimkien mal-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

8. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-istimi, il-Kummissjoni ddaħħal l-istimi fl-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea li hija tqis bħala meħtieġa għat-tabella tal-persunal u l-ammont ta' sussidju li għandu jittieħed mill-baġit ġenerali, li hija għandha tressaq quddiem l-awtorità baġitarja f'konformità mal-Artikolu 314 TFUE, flimkien ma' deskrizzjoni ta' u ġustifikazzjoni għal kwalunkwe differenza bejn id-dikjarazzjoni tal-istimi tal-Aġenzija u s-sussidju li għandu jittieħed mill-baġit ġenerali.";

(d) il-paragrafu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"10. Il-baġit għandu jiġi adottat mill-Bord Amministrattiv. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn xieraq, dan għandu jiġi aġġustat kif adatt, flimkien mal-programm ta' ħidma annwali.";

(10) L-Artikolu 22 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 22*

**Evalwazzjoni**

1. F'intervalli regolari u ta' mill-inqas kull ħames snin, il-Bord Amministrattiv għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni li din tal-aħħar tikkunsidra rilevanti għal dik l-evalwazzjoni.

2. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta l-impatt ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-utilità, ir-rilevanza, il-valur miżjud miksub u l-effettività tal-Aġenzija u l-prattiki ta' ħidma tagħha. L-evalwazzjoni għandha tieħu kont tal-fehmiet tal-partijiet interessati, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Din għandha, b'mod partikolari, tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġu modifikati l-kompiti tal-Aġenzija. Il-Bord Amministrattiv għandu joħroġ termini speċifiċi ta' referenza bi qbil mal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-partijiet involuti.

3. Il-Bord Amministrattiv għandu jirċievi l-evalwazzjoni u joħroġ ir-rakkomandazzjonijiet dwar bidliet għal dan ir-Regolament, l-Aġenzija u l-prattiki tax-xogħol tagħha lill-Kummissjoni. Kemm ir-riżultati tal-evalwazzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jingħataw mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandhom jiġu ppubblikati. Għandu jiġi inkluż pjan ta' azzjoni bi skeda ta' żmien, jekk ikun adatt.";

(11) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 22a*

**Rapport ta' progress**

Sat-2 ta' Marzu 2018, u b'kont meħud tar-rapport ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jistabbilixxi kif l-Aġenzija tkun ħadet ir-responsabbiltajiet addizzjonali assenjati mir-Regolament bil-ħsieb li jiġu identifikati aktar kisbiet ta' effiċjenza u, jekk meħtieġ, il-każ għall-modifikazzjoni tal-objettivi u l-kompiti tagħha.";

(12) L-Artikolu 23 jitħassar.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Jannar 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | L. CREIGHTON |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT